



L-Awtorità Bankarja Ewropea

EBA BS 2011 116 finali

27 ta' Settembru 2011

**Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza
Interna
(GL 44)**

Londra, 27 ta' Settembru 2011

Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna

Status tal-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġin fil-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (*Ir-Regolament dwar l-EBA*). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jridu jagħmlu ħilithom kollha biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji u dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. Għaldaqstant, l-EBA tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji kollha li għalihom japplikaw il-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom (eż. billi jiġu emendati l-qafas legali jew ir-regoli superviżorji tagħhom u/jew il-gwida jew il-proċessi superviżorji), inkluż fejn linji gwida partikolari fi ħdan id-dokument ikunu mmirati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' Rapportar

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew huwiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew jipprovduha raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sat-28 ta' Novembru 2011. In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni li jkunu awtorizzati jinnotifikaw lill-EBA f'isem l-awtoritajiet kompetenti fuq compliance@eba.europa.eu.

4. In-notifika lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu ta' qEBA għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-EBA, skont l-artikolu 16 tar-Regolament dwar l-EBA.

Bejn il-paragrafi tal-Linji Gwida li ġejjin, xi kultant jiġu pprovdu iktar spjegazzjonijiet dwar aspetti speċifiċi tal-linji gwida, li jew joffru eżempji jew inkella jipprovdu l-ħsieb wara dispożizzjoni. Fejn dan ikun il-każ, dan it-test ta' spjegazzjoni jiġi pprovdut f'kaxxa bit-test fiha.

Werrej

Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna	2
Titolu I -Suġġett, Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	6
1. Suġġett	6
2. Kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' applikazzjoni	6
3. Definizzjonijiet.....	6
Titolu II – Rekwiżiti dwar il-governanza interna tal-istituzzjonijiet	7
A. Struttura u Organizzazzjoni Korporattivi	7
4. Qafas organizzattiv	7
5. Kontrolli u bilanċi fi struttura ta' grupp	7
6. Kun af l-istruttura tiegħek	9
7. Attivitajiet mhux standard jew mhux trasparenti	10
B. Korp maniġerjali	11
B.1 Dmirijiet u responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali	11
8. Responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali.....	11
9. Valutazzjoni tal-qafas ta' governanza interna	12
10. Il-funzjonijiet ta' ġestjoni u sorveljanza tal-korp maniġerjali	12
B.2 L-għamla u l-funzjonament tal-korp maniġerjali.....	14
11. L-għamla, il-ħatra u s-suċċessjoni tal-korp maniġerjali	14
12. Impenn, indipendenza u ġestjoni ta' kunflitti tal-interessi fil-korp maniġerjali	14
13. Kwalifiki tal-korp maniġerjali.....	16
14. Funzjonament organizzattiv tal-korp maniġerjali	16
Valutazzjoni tal-funzjonament tal-korp maniġerjali	17
Ir-rwol tal-President tal-korp maniġerjali	17
Komitati speċjalizzati tal-korp maniġerjali.....	18
Komitati tal-awditjar	19
Komitati tar-riskju	19

B.3	Qafas għat-twettiq tan-negozju	20
15.	Valuri korporattivi u kodiċi ta' kondotta	20
16.	Kunflitti ta' interess fil-livell tal-istituzzjoni	20
17.	Proċeduri interni ta' twissija	21
B.4	Il-politiki ta' esternalizzazzjoni u rimunerazzjoni	22
18.	Esternalizzazzjoni	22
19.	Governanza tal-politika ta' rimunerazzjoni	22
C.	Ġestjoni tar-riskji	23
20.	Kultura tar-riskji	23
21.	Allinjament tar-rimunerazzjoni mal-profil ta' riskju	25
22.	Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji.....	26
23.	Prodotti ġodda	28
D.	Kontroll intern	28
24.	Il-qafas ta' kontroll intern	28
25.	Il-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji (RCF).....	30
26.	Ir-rwol tal-Funzjoni ta' Kontroll tar-Riskju	31
	Ir-rwol tar-RCF fl-istrateġija u d-deċiżjonijiet	31
	Ir-rwol tar-RCF fit-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati	31
	Ir-rwol tar-RCF fil-kumplessità tal-istruttura legali	31
	Ir-rwol tar-RCF f'bidliet materjali.....	32
	Ir-rwol tar-RCF fil-kejl u l-valutazzjoni	32
	Ir-rwol tar-RCF fil-monitoraġġ.....	32
	Ir-rwol tar-RCF f'esponimenti mhux approvati	33
27.	Uffiċjal Kap tar-Riskji	34
28.	Il-funzjoni ta' konformità	35
29.	Il-funzjoni tal-Awditjar Intern.....	36
E.	Sistemi tal-informazzjoni u kontinwità tan-negozju	36
30.	Sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni	36
31.	Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju.....	37

F. Trasparenza.....	38
32. L-għoti tas-setgħa	38
33. Trasparenza tal-governanza interna	39
Titolu III – Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni	40
34. Revoka	40
35. Data ta' applikazzjoni.....	40

Titolu I -Suġġett, Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Suġġett

Il-Linji Gwida għandhom l-għan li jarmonizzaw l-aspettattivi superviżorji u jtejbu l-implimentazzjoni soda tal-arranġamenti ta' governanza interna b'konformità mal-Artikolu 22 u l-Anness V tad-Direttiva 2006/48/KE u l-liġijiet nazzjonali dwar il-kumpaniji.

2. Kamp ta' applikazzjoni u l-livell ta' applikazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-Linji Gwida dwar il-Governanza Interna.
2. L-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida għandha tiġi riveduta mill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-Proċess ta' Reviżjoni Superviżorja u ta' Evalwazzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni

Is-CEBS/EBA pproduċa Linji Gwida dwar il-Proċess ta' Reviżjoni Superviżorja, li jinsabu fuq il-websajt tal-EBA.

3. Il-Linji Gwida japplikaw għal istituzzjonijiet fuq bażi unika u għal impriżi prinċipali u sussidjarji fuq bażi konsolidata jew sottokonsolidata, sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor.
4. Il-proporzjonalità, kif stabbilita fid-Direttivi 2006/48 u 2006/49 (kif emendati), tapplika għad-dispożizzjonijiet kollha li jinstabu fil-Linji Gwida. Istituzzjoni trid turi kif l-approċċ tagħha, li jirrifletti n-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, jilħaq ir-riżultat meħtieġ mil-Linji Gwida.

3. Definizzjonijiet

1. F'dawn il-linji gwida, it-terminu *korp maniġerjali* għandu jkollu t-tifsira li ġejja: il-korp ta' tmexxija (jew korpi) ta' istituzzjoni, li jinvolti l-funzjoni superviżorja u maniġerjali, li għandu l-awtorità finali għat-teħid ta' deċiżjonijiet u ngħata s-setgħa biex jistabbilixxi l-istrateġija, l-oġġettivi u d-direzzjoni globali tal-istituzzjoni. Il-korp maniġerjali għandu jinkludi persuni li jmexxu b'mod effettiv in-negożju ta' istituzzjoni.
2. F'dawn il-linji gwida, it-terminu *istituzzjonijiet* għandu jkollu t-tifsira li ġejja: istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment skont id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

Titolu II – Rekwiżiti dwar il-governanza interna tal-istituzzjonijiet

A. Struttura u Organizzazzjoni Korporattivi

4. Qafas organizzattiv

1. Il-korp maniġerjali ta' istituzzjoni għandu jiżgura li jkun hemm struttura korporattiva xierqa u trasparenti għal dik l-istituzzjoni. L-istruttura għandha tippromwovi u turi l-ġestjoni effettiva u prudenti ta' istituzzjoni kemm fuq bażi solitarja kif ukoll fil-livell tal-grupp. Il-linji ta' rapportar u l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet u awtorità fi ħdan istituzzjoni għandhom ikunu ċari, iddefiniti sew, koerenti u msaħħin.
2. Il-korp maniġerjali għandu jiżgura li l-istruttura ta' istituzzjoni u, fejn applikabbli, l-istrutturi fi ħdan grupp huma ċari u trasparenti, kemm għall-persunal tal-istituzzjoni stess kif ukoll għas-superviżuri tagħha.
3. Il-korp maniġerjali għandu jivvaluta kif id-diversi elementi tal-istruttura korporattiva jikkumplimentaw lil xulxin u jinteraġixxu flimkien. L-istruttura ma għandhiex ixxejjel l-abbiltà tal-korp maniġerjali sabiex jissorvelja u jġestixxi b'mod effettiv ir-riskji affaċċjati mill-istituzzjoni jew il-grupp.
4. Il-korp maniġerjali għandu jivvaluta kif il-bidliet fl-istruttura tal-grupp ikollhom impatt fuq is-solidità tagħha. Il-korp maniġerjali għandu jagħmel kwalunkwe aġġustament meħtieġ minnufih.

Nota ta' spjegazzjoni

Il-bidliet jistgħu jirriżultaw, pereżempju, mit-twaqqif ta' sussidjarji, fużjonijiet u akkwisti ġodda, mill-bejgħ jew mix-xoljiment ta' partijiet tal-grupp, jew minn żviluppi esterni.

5. Kontrolli u bilanċi fi struttura ta' grupp

1. Fi struttura ta' grupp, il-korp maniġerjali ta' kumpanija prinċipali ta' istituzzjoni għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali għal governanza interna adegwata fi ħdan il-grupp u biex jiżgura li hemm qafas ta' governanza xieraq għall-istruttura, in-negozju u r-riskji tal-grupp u l-entitajiet komponenti tiegħu.
2. Il-korp maniġerjali ta' sussidjarja rregolata ta' grupp għandu jaderixxi fil-livell tal-entità ġuridika mal-istess valuri u politiki tal-governanza interna bħall-kumpanija holding tiegħu, sakemm ir-rekwiżiti legali jew superviżorji jew kunsiderazzjonijiet dwar il-proporzjonalità ma jiddeterminawx mod ieħor. Skont dan, il-korp maniġerjali ta' sussidjarja rregolata għandu, fi ħdan ir-responsabbiltajiet ta' governanza interna tiegħu stess, jistabbilixxi l-politiki tiegħu u għandu jevalwa kwalunkwe deċiżjoni jew prattika fil-livell tal-grupp biex jiżgura li dawn ma jdaħħlux lis-sussidjarja rregolata fi ksur tad-

dispożizzjonijiet legali jew regolatorji applikabbli jew tar-regoli prudenzjali. Il-korp maniġerjali tas-sussidjarja rregolata għandu jiżgura wkoll li tali deċiżjonijiet jew Prattiki ma jkunux ta' ħsara:

- a. għall-ġestjoni solida u prudenti tas-sussidjarja;
 - b. għas-saħħa finanzjarja tas-sussidjarja; jew
 - c. l-interessi legali tal-partijiet interessati tas-sussidjarja.
3. Il-korpi maniġerjali, kemm tal-kumpanija prinċipali kif ukoll tas-sussidjarji tagħha, għandhom japplikaw u jieħdu f'kunsiderazzjoni l-paragrafi ta' hawn taħt, filwaqt li jikkunsidraw l-effetti tad-dimensjoni ta' grupp fuq il-governanza interna tagħhom.
4. Fir-rilaxx tar-responsabbiltajiet ta' governanza interna tiegħu, il-korp maniġerjali ta' kumpanija prinċipali ta' istituzzjoni għandu jkun jaf bir-riskji u l-problemi materjali kollha li jistgħu jaffettwaw il-grupp, l-istituzzjoni prinċipali stess u s-sussidjarji tagħha. Għaldaqstant, għandu jeżerċita sorveljanza adegwata fuq is-sussidjarji tagħha, filwaqt li jirrispetta r-responsabbiltajiet legali u ta' governanza indipendenti li japplikaw għall-korpi maniġerjali ta' sussidjarji rregolati.
5. Sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu ta' governanza interna, il-korp maniġerjali ta' kumpanija prinċipali ta' istituzzjoni għandu:
- a. jistabbilixxi struttura ta' governanza li tikkontribwixxi għas-sorveljanza effettiva tas-sussidjarji tagħha u jieħu f'kunsiderazzjoni in-natura, l-iskala u l-komplessità tar-riskji differenti li għalihom huma esposti l-grupp u s-sussidjarji tagħha;
 - b. japprova politika dwar il-governanza interna fil-livell tal-grupp għas-sussidjarji tagħha, li tinkludi l-impenn biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' governanza kollha li huma applikabbli;
 - c. jiżgura li hemm biżżejjed riżorsi disponibbli għal kull sussidjarja sabiex jintlaħqu kemm l-istandards tal-grupp kif ukoll l-istandards ta' governanza lokali;
 - d. ikollu mezzi xierqa biex jara li kull sussidjarja tikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha tal-governanza interna; u
 - e. jiżgura li l-linji ta' rapportar fi grupp huma ċari u trasparenti, speċjalment f'każijiet li fihom, il-linji operattivi ma jaqblux mal-istruttura legali tal-grupp.
6. Bħala element ta' governanza soda, sussidjarja rregolata għandha tikkunsidra wkoll li jkollha numru kbir biżżejjed ta' membri indipendenti fil-korp maniġerjali. Il-membri indipendenti tal-korp maniġerjali huma diretturi mhux

eżekuttivi li huma indipendenti mis-sussidjarja u mill-grupp tagħha, u mill-azzjonist li jkollu l-kontroll.

6. Kun af l-istruttura tiegħek

1. Il-korp maniġerjali għandu jkun jaf u jifhem sew l-istruttura operattiva ta' istituzzjoni ('kun af l-istruttura tiegħek') u jiżgura li hija konformi mal-istrateġija kummerċjali u l-profil tar-riskju tagħha.

Nota ta' spjegazzjoni

Huwa fundamentali li l-korp maniġerjali jkun jaf u jifhem bis-sħiħ l-istruttura operattiva ta' istituzzjoni. Meta istituzzjoni toħloq bosta entitajiet ġuridiċi fi ħdan il-grupp tagħha, in-numru, u b'mod partikolari, l-interkonnessjonijiet tagħhom u t-tranżazzjonijiet bejniethom, jistgħu jgħibu magħhom sfidi għat-fassil tal-governanza interna tagħha u għall-ġestjoni u s-sorveljanza tar-riskji tal-grupp sħiħ, li jirrappreżenta riskju minnu nnifsu.

2. Il-korp maniġerjali għandu jiggwida u jifhem l-istruttura tal-istituzzjoni, l-evoluzzjoni u l-limitazzjonijiet tagħha u għandu jiżgura li l-istruttura hija ġġustifikata u ma tinvolvi kumplessità żejda jew mhux adatta. Huwa responsabbli wkoll mill-approvazzjoni ta' strateġiji u politiki sodi għat-twaqqif ta' strutturi ġodda. Bl-istess mod, il-korp maniġerjali għandu jirrikonoxxi r-riskji imposti mill-kumplessità tal-istruttura tal-entità ġuridika stess u għandu jiżgura li l-istituzzjoni kapaċi tipproduċi informazzjoni fil-ħin, dwar it-tip, l-istatut, l-istruttura tas-sjieda u n-negozji ta' kull entità ġuridika.
3. Il-korp maniġerjali ta' kumpanija prinċipali ta' istituzzjoni għandu jifhem mhux biss l-organizzazzjoni korporattiva tal-grupp iżda anki l-iskop tal-entitajiet differenti u r-rabtiet u r-relazzjonijiet bejniethom. Dan jinkludi fehim tar-riskji operattivi speċifiċi għall-grupp, esponimenti intragrupp u kif jistgħu jiġu affettwati l-finanzjament, il-kapital u l-profil tar-riskju tal-grupp f'ċirkustanzi normali u negattivi.
4. Il-korp maniġerjali ta' kumpanija prinċipali ta' istituzzjoni għandu jiżgura li l-entitajiet differenti tal-grupp (inkluża l-istituzzjoni stess) jirċievu biżżejjed informazzjoni għalihom kollha sabiex ikollhom idea ċara tal-għanijiet ġenerali u r-riskji tal-grupp. Kwalunkwe fluss ta' informazzjoni sinifikanti bejn l-entitajiet rilevanti għall-funzjonament operattiv tal-grupp għandu jiġu ddokumentat u jsir aċċessibbli minnufih, meta jintalab, għall-korp maniġerjali, il-funzjonijiet ta' kontroll u s-superviżuri, skont kif ikun xieraq.
5. Il-korp maniġerjali ta' kumpanija prinċipali ta' istituzzjoni għandu jara li jibqa' aġġornat dwar ir-riskji kkaġunati mill-istruttura tal-grupp. Dan jinkludi:
 - a. informazzjoni dwar motivaturi kbar tar-riskji, u

- b. rapporti regolari li jivvalutaw l-istruttura globali tal-istituzzjoni u jevalwaw il-konformità tal-attivitajiet tal-entitajiet individwali mal-istrateġija approvata.

7. Attivitajiet mhux standard jew mhux trasparenti

1. Meta istituzzjoni topera permezz ta' strutturi b'għan speċjali jew relatati jew f'għurisdizzjonijiet li jxekklu t-trasparenza jew li ma jilħqux standards bankarji internazzjonali, il-korp maniġerjali għandu jifhem l-iskop u l-istruttura tagħhom u r-riskji partikolari marbutin magħhom. Il-korp maniġerjali għandu jaċċetta dawn l-attivitajiet biss meta jkun sodisfatt li r-riskji ser ikunu ġestiti kif xieraq.

Nota ta' spjegazzjoni

Minbarra dak il-prinċipju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll il-*'Prinċipji Ċentrali għal Superviżjoni Bankarja Effettiva'*, żviluppati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, meta jevalwaw attivitajiet kummerċjali f'għurisdizzjonijiet li mhumiex kompletament trasparenti jew li ma jilħqux standards bankarji internazzjonali.

L-istituzzjoni jista' jkollha raġunijiet leġittimi għall-operat f'ċerti għurisdizzjonijiet (jew ma' entitajiet jew kontropartijiet li joperaw f'dawk il-għurisdizzjonijiet) jew għat-twaqqif ta' strutturi partikolari (eż. vetturi għal skopijiet speċjali jew fiduċjarji korporattivi). Madankollu, l-operat f'għurisdizzjonijiet li mhumiex kompletament trasparenti jew li ma jilħqux standards bankarji internazzjonali (eż. fl-oqsma ta' superviżjoni prudenzjali, taxxa, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu) jew permezz ta' strutturi kumplessi jew mhux trasparenti jista' jgħib miegħu riskji legali, riskji għar-reputazzjoni u riskji finanzjarji speċifiċi. Dawn jistgħu ma jħallux lill-korp maniġerjali jwettaq sorveljanza kummerċjali xierqa u jxekklu s-superviżjoni bankarja effettiva. Għaldaqstant, għandhom jinżammu u jiġu approvati biss meta jkun inftehem u ġie ddefinit l-iskop tagħhom, meta tkun ġiet żgurata sorveljanza effettiva u meta jkun jista' jiġi ġestit kif suppost kull riskju materjali assoċjat iġġenerat minn dawn l-istrutturi.

Konsegwentement, il-korp maniġerjali għandu jixħet attenzjoni speċjali fuq dawn is-sitwazzjonijiet kollha peress li jgħibu magħhom sfidi sinifikanti għall-fehim tal-istruttura tal-grupp.

2. Il-korp maniġerjali għandu jstabilixxi, iżomm aġġornati u jirrevedi, fuq bażi kontinwa, strateġiji, politiki u proċeduri xierqa li jirregolaw l-approvazzjoni u l-aġġornar tat-tali strutturi u attivitajiet sabiex jiżgura li jibqgħu konsistenti mal-iskop maħsub tagħhom.
3. Il-korp maniġerjali għandu jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet xierqa biex jiġu evitati jew jittaffew ir-riskji tat-tali attivitajiet. Dan jinkludi:

- a. l-istituzzjoni trid timplimenta politiki u proċeduri u proċessi ddokumentati adegwati (eż. limiti applikabbli, rekwiżiti ta' informazzjoni) għall-konsiderazzjoni, l-approvazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji tat-tali attivitajiet, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-konsegwenzi għall-istruttura operattiva tal-grupp;
 - b. l-informazzjoni dwar dawn l-attivitajiet u r-riskji tagħhom hija aċċessibbli għall-uffiċċju ewlieni u l-awdituri tal-istituzzjoni u tkun innotifikata lill-korp maniġerjali u s-superviżuri;
 - c. kull tant żmien, l-istituzzjoni tivvaluta l-ħtieġa ssokkata ta' twettiq ta' attivitajiet li jxekklu t-trasparenza.
4. Għandhom jittieħdu l-istess miżuri meta istituzzjoni twettaq attivitajiet mhux standard jew mhux trasparenti għall-klijenti.

Nota ta' spjegazzjoni

Attivitajiet mhux standard u mhux trasparenti għal klijenti (eż. għajnuna lil klijenti biex jiformaw vetturi f'ġurisdizzjonijiet offshore; l-iżvilupp ta' strutturi kumplessi u tranżazzjonijiet finanzjarji għalihom jew il-forniment ta' servizzi fiduċjarji) iġibu magħhom sfidi simili għall-governanza interna u jistgħu joħolqu riskji sinifikanti operattivi u dawk għar-reputazzjoni. Għaldaqstant, iridu jittieħdu l-istess miżuri ta' ġestjoni tar-riskji bħal dawk għall-attivitajiet kummerċjali tal-istituzzjonijiet stess.

5. Dawn l-istrutturi u l-attivitajiet kollha għandhom ikunu soġġetti għal reviżjonijiet tal-awditjar intern u estern b'mod perjodiku.

B. Korp maniġerjali

B.1 Dmirijiet u responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali

8. Responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali

1. Il-korp maniġerjali għandu jkollu r-responsabbiltà ġenerali għall-istituzzjoni u għandu jstabbilixxi l-istrateġija tal-istituzzjoni. Ir-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar f'dokument miktub u approvat.

Nota ta' spjegazzjoni

It-twettiq korrett tar-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali huwa l-bażi għall-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni. Ir-responsabbiltajiet iddokumentati jridu jkunu konformi wkoll mal-liġijiet nazzjonali dwar il-kumpaniji.

2. Ir-responsabbiltajiet ewlenin tal-korp maniġerjali għandhom jinkludu t-twaqqif u s-sorveljanza:

- a. tal-istrateġija kummerċjali ġenerali tal-istituzzjoni fi ħdan il-qafas legali u regolatorju filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-interessi finanzjarji fit-tul u s-solvenza tal-istituzzjoni;
 - b. l-istrateġija u l-politika globali tal-istituzzjoni dwar ir-riskji, inklużi t-tolleranza/r-rieda tagħha għar-riskji u l-qafas tagħha ta' ġestjoni tar-riskji;
 - c. l-ammonti, it-tipi u t-tqassim kemm tal-kapital intern kif ukoll tal-fondi proprji li huma adegwati biex ikopru r-riskji tal-istituzzjoni;
 - d. struttura organizzattiva robusta u trasparenti b'mezzi ta' komunikazzjoni u rapportar effettivi;
 - e. politika dwar in-nomina u s-suċċessjoni tal-individwi b'funzjonijiet ewlenin fl-istituzzjoni;
 - f. qafas dwar il-ħlas li huwa konformi mal-istrateġija dwar ir-riskji tal-istituzzjoni;
 - g. il-prinċipji ta' governanza u l-valuri korporattivi tal-istituzzjoni, anki permezz ta' kodiċi ta' kondotta jew dokument paragonabbli; u
 - h. qafas ta' kontroll intern adegwat u effettiv, li jinkludi funzjonijiet li jaħdmu sew ta' Kontroll tar-Riskji, Konformità u Awditjar Intern kif ukoll qafas ta' kontabbiltà u ta' rapportar finanzjarju xieraq.
3. Il-korp maniġerjali għandu jirrevedi u jaġġusta b'mod regolari wkoll dawn il-politiki u l-istrateġiji. Il-korp maniġerjali huwa responsabbli mill-komunikazzjoni xieraq ma' awtoritajiet superviżorji u partijiet interessati oħrajn.

9. Valutazzjoni tal-qafas ta' governanza interna

1. Il-korp maniġerjali għandu jissorvelja u jivvaluta b'mod perjodiku l-effikaċja tal-qafas ta' governanza interna tal-istituzzjoni.
2. Tal-inqas, ir-reviżjoni tal-qafas ta' governanza interna u l-implimentazzjoni tiegħu għandha ssir darba fis-sena. Għandha tiffoka fuq kwalunkwe bidla fil-fatturi interni u esterni li jolqtu lill-istituzzjoni.

10. Il-funzjonijiet ta' ġestjoni u sorveljanza tal-korp maniġerjali

1. Il-funzjoni maniġerjali u sorveljanza tal-korp maniġerjali ta' istituzzjoni għandha tinteraġixxi b'mod effettiv.

Nota ta' spjegazzjoni

Normalment, l-Istati Membri jużaw waħda miż-żewġ **strutturi ta' governanza** - struttura tal-bord unitarja jew doppja. Fiż-żewġ strutturi, kemm il-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu kif ukoll il-korp maniġerjali fil-funzjoni

superviżorja tiegħu jaqdu r-rwol tagħhom stess fil-ġestjoni tal-istituzzjoni, jew direttament jew inkella permezz ta' kumitati.

Il-funzjoni maniġerjali tipproponi d-direzzjoni tal-istituzzjoni; tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija u hija responsabbli mit-tmexxija ta' kuljum tal-istituzzjoni.

Il-funzjoni superviżorja tissorvelja l-funzjoni ta' ġestjoni u tipprovdiha pariri. Ir-rwol ta' sorveljanza tagħha jinvolve l-għoti ta' oppożizzjoni kostruttiva meta tiġi żviluppata l-istrateġija ta' istituzzjoni; is-sorveljanza tal-prestazzjoni tal-funzjoni maniġerjali u l-ilħuq tal-oġettivi u l-miri maqbula; u l-iżgurar tal-integrità tal-informazzjoni finanzjarja u l-ġestjoni effettiva tar-riskji u l-kontrolli interni.

Biex tinkiseb governanza tajba, il-funzjonijiet ta' ġestjoni u sorveljanza ta' istituzzjoni għandhom jinteraġixxu b'mod effettiv biex iwettqu l-istrateġija maqbula tal-istituzzjoni, u b'mod partikolari biex jikkontrollaw ir-riskji li tiffaċċja l-istituzzjoni. Għad li jista' jkun hemm differenzi notevoli bejn l-oqfsa leġiżlattivi u regolatorji ta' pajjiżi differenti, dawn ma għandhomx jipprekludu l-interazzjoni effettiva ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet, indipendentement minn jekk il-korp maniġerjali jinvolve korp wieħed jew iktar.

2. Fil-funzjoni superviżorja tiegħu, il-korp maniġerjali għandu:

- a. ikun lest u kapaċi jappella u jirrevedi b'mod kritiku u kostruttiv proposti, spjegazzjonijiet u informazzjoni pprovduti mill-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu;
- b. jara li l-istrateġija, it-tolleranza/ir-rieda għar-riskju u l-politiki tal-istituzzjoni huma implimentati b'mod konsistenti u li jinżammu l-istandards tal-prestazzjoni b'konformità mal-interessi finanzjarji fit-tul u s-solvenza tagħha; u
- c. jissorvelja l-prestazzjoni tal-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu kontra dawk l-istandards.

3. Fil-funzjoni maniġerjali tiegħu, il-korp maniġerjali għandu jikkoordina l-istrateġiji kummerċjali u dawk relatati mar-riskju tal-istituzzjoni mal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu u jiddiskuti b'mod regolari l-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji mal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu.

4. Kull funzjoni għandha tipprovdi lill-oħra biżżejjed informazzjoni. Il-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandu jinforma b'mod komprensiv u regolari, u mingħajr dewmien jekk ikun hemm bżonn, lill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu dwar l-elementi rilevanti għall-valutazzjoni ta' sitwazzjoni, il-ġestjoni tal-istituzzjoni u ż-żamma tas-sigurtà finanzjarja tagħha.

B.2 L-għamla u l-funzjonament tal-korp maniġerjali

11. L-għamla, il-ħatra u s-suċċessjoni tal-korp maniġerjali

1. Il-korp maniġerjali għandu jkollu numru adegwat ta' membri u għamla xierqa. Il-korp maniġerjali għandu jkollu politiki għall-għażla, il-monitoraġġ u l-ippjanar tas-suċċessjoni tal-membri tiegħu.
2. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi d-daqs u l-għamla tal-korp maniġerjali tagħha, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni d-daqs u l-kumplexità tal-istituzzjoni u n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tagħha. L-għażla tal-membri tal-korp maniġerjali għandha tiżgura biżżejjed kompetenzi kollettivi.
3. Il-korp maniġerjali għandu jidentifika u jagħżel kandidati kkwalifikati u esperjenzati u jiżgura ppjanar ta' suċċessjoni xieraq għall-korp maniġerjali, billi jieħu f'kunsiderazzjoni xierqa kwalunkwe rekwiżit legal ieħor dwar l-għamla, il-ħatra jew is-suċċessjoni.
4. Il-korp maniġerjali għandu jiżgura li istituzzjoni għandha politiki għall-għażla ta' membri ġodda u għall-ħatra mill-ġdid tal-membri eżistenti. Dawn il-politiki għandhom jinkludu t-tfassil ta' deskrizzjoni tal-kompetenzi u l-ħiliet meħtieġa biex jiġu żgurati kompetenzi suffiċjenti.
5. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jinħatru għal perjodu xieraq. In-nomni għall-ħatra mill-ġdid għandhom ikunu bbażati fuq il-profil imsemmi iktar 'il fuq u għandhom isiru biss wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-prestazzjoni tal-membri fl-aħħar terminu.
6. Meta jistabbilixxi pjan ta' suċċessjoni għall-membri tiegħu, il-korp maniġerjali għandu jikkunsidra d-data ta' skadenza tal-kuntratt jew il-mandat ta' kull membru sabiex, fejn ikun possibbli, jevita li jkun hemm wisq membri li jridu jiġu ssostitwiti b'mod simultanju.

12. Impenn, indipendenza u ġestjoni ta' kunflitti tal-interessi fil-korp maniġerjali

1. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fin-negozju ta' istituzzjoni u għandhom ikunu kapaċi jieħdu deċiżjonijiet u ġudizzji sodi, oġġettivi u indipendenti huma stess.
2. L-għażla tal-membri tal-korp maniġerjali għandha tiżgura li jkun hemm biżżejjed kompetenzi u indipendenza fi ħdan il-korp maniġerjali. Istituzzjoni għandha tiżgura li l-membri tal-korp maniġerjali jkunu kapaċi jallokaw biżżejjed ħin u sforzi biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv.

3. Il-membri tal-korp maniġerjali għandu jkollhom biss numru limitat ta' mandati jew attivitajiet professjonali oħrajn li jieħdu ħafna ħin. Barra minn hekk, il-membri għandhom jgħarrfu lill-istituzzjoni dwar l-attivitajiet professjonali sekondarji tagħhom (eż. mandati f'kumpaniji oħrajn). Peress li l-President għandu iktar responsabbiltajiet u dmirijiet, hija mistennija allokazżjoni ta' iktar ħin minnu.
4. Huwa mistenni li l-impenn ta' ħin minimu għall-membri kollha tal-korp maniġerjali jiġi indikat f'dokument bil-miktub. Meta tiġi kkunsidrata l-ħatra ta' membru ġdid, jew meta jsir magħruf mandat ġdid ta' membru eżistenti, il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jistaqsu dwar kif l-individwu ser iqatta' biżżejjed ħin biex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu għall-istituzzjoni. L-attenzenza tal-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandha tiġi żvelata. Istituzzjoni għandha tikkunsidra wkoll l-iżvelar tan-nuqqas fit-tul ta' membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu.
5. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom ikunu kapaċi jaġixxu b'mod oġġettiv, kritiku u indipendenti. Il-miżura biex titjeb l-abbiltà li jiġi eżerċitat ġudizzju oġġettiv u indipendenti għandha tinkludi r-reklutaġġ ta' membri minn firxa wiesgħa biżżejjed ta' kandidati u li jkun hemm għad-dispożizzjoni biżżejjed membri mhux eżekuttivi.

Nota ta' spjegazzjoni

Meta l-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu jkun formalment separat mill-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu, xorta jkunu jridu jiġu ggarantiti l-oġġettività u l-indipendenza tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu permezz ta' għażla xierqa ta' membri indipendenti.

6. Il-korp maniġerjali għandu jkollu politika bil-miktub dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interessi għall-membri tiegħu. Il-politika għandha tispeċifika:
 - a. id-dmir ta' membru li jevita kunflitti ta' interess li ma ġewx żvelati lill-korp maniġerjali u approvati minnu, iżda minflok biex jiġi żgurat li l-kunflitti jiġu ġestiti kif xieraq;
 - b. proċess ta' reviżjoni jew approvazzjoni li l-membri għandhom isegwu qEBAI jidħlu f'ċerti attivitajiet (bħal jaħdmu f'korp maniġerjali ieħor) biex jiżguraw li dak l-impenn ma joħloq kunflitt ta' interess;
 - c. id-dmir ta' membru li jinforma lill-istituzzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' tirriżulta, jew li diġà rriżultat, f'kunflitt ta' interess;
 - d. ir-responsabbiltà ta' membru biex ma jipparteċipax fit-teħid ta' deċiżjonijiet jew fil-votazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni fejn il-membri jista' jkollu kunflitt ta' interess jew fejn l-oġġettività jew l-abbiltà tal-membri sabiex iwettaq xogħlu kif suppost għall-istituzzjoni tiġi mxekkla b'xi mod ieħor;

- e. proċeduri adegwati għal tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati li għandhom isiru fuq bażi distakkata; u
- f. il-mod li bih il-korp maniġerjali jindirizza kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-politika.

13. Kwalifiki tal-korp maniġerjali

1. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom ikunu u jibqgħu kkwalifikati, inkluż permezz ta' taħriġ, għall-pożizzjonijiet tagħhom. Għandu jkollhom fehim ċar dwar l-arranġamenti ta' governanza tal-istituzzjoni u r-rwol tagħhom fihom.
2. Il-membri tal-korp maniġerjali, kemm b'mod individwali kif ukoll kollettiv, għandu jkollhom il-kompetenzi, l-esperjenza, il-fehim u l-kwalitajiet personali meħtieġa, inklużi l-professjonaliżmu u l-integrità personali sabiex iwettqu xogħlhom kif suppost.
3. Il-membri tal-korp maniġerjali għandu jkollhom fehim aġġornat dwar in-negozju tal-istituzzjoni, f'livell adattat għar-responsabbiltajiet tagħhom. Dan jinkludi fehim xieraq dwar dawn l-oqsma li għalihom mhumiex responsabbli b'mod dirett, iżda b'mod kollettiv.
4. B'mod kollettiv, għandu jkollhom fehim sħiħ tan-natura tan-negozju u r-riskji marbutin miegħu u jkollhom kompetenza u esperjenza adegwati u rilevanti għal kull waħda mill-attivitajiet materjali li l-istituzzjoni beħsiebha twettaq sabiex ikun hemm governanza u sorveljanza effettivi.
5. Istituzzjoni għandu jkollha proċess sod fis-seħħ sabiex tiżgura li l-membri tal-korp maniġerjali, b'mod individwali u kollettiv, ikollhom biżżejjed kwalifiki.
6. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jiksibu, iżommu aġġornat u jwessgħu l-għarfien u l-ħiliet tagħhom biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-membri jkollhom aċċess għal programmi ta' taħriġ imfassla b'mod individwali li għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe diskrepanzi fil-profil ta' għarfien meħtieġ mill-istituzzjoni u l-għarfien propju tal-membri. L-oqsma li jistgħu jkunu koperti jinkludu l-għodod u l-mudelli ta' ġestjoni tar-riskji tal-istituzzjoni, żviluppi ġodda, bidliet fi ħdan l-organizzazzjoni, prodotti kumplessi, prodotti jew swieq ġodda u fużjonijiet. It-taħriġ għandu jkopri wkoll oqsma kummerċjali li l-membri individwali mhumiex direttament responsabbli għalihom. Il-korp maniġerjali għandu jiddedika biżżejjed żmien, baġit u riżorsi oħrajn għat-taħriġ.

14. Funzjonament organizzattiv tal-korp maniġerjali

1. Il-korp maniġerjali għandu jiddefinixxi prattiki u proċeduri xierqa dwar il-governanza interna għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tiegħu stess u jkollu

fis-seħħ il-mezzi biex jiżgura li t-tali prattiki jiġu segwiti u reveduti b'mod perġodiku sabiex jitjiebu.

Nota ta' spjegazzjoni

Il-prattiki u l-proċeduri solidi dwar il-governanza interna għall-korp maniġerjali jibagħtu sinjali importanti b'mod intern u estern dwar il-politiki u l-oġġettivi ta' governanza tal-istituzzjoni. Il-prattiki u l-proċeduri jinkludu l-frekwenza, il-proċeduri ta' ħidma u l-minuti tal-laqqgħat, ir-rwol tal-President u l-użu tal-kumitati.

2. Il-korp maniġerjali għandu jiltaqa' b'mod regolari sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu b'mod adegwat u effettiv. Il-membri tal-korp maniġerjali għandhom jiddedikaw biżżejjed żmien għat-tnejjja tal-laqqgħa. Din it-tnejjja tinkludi t-tfassil ta' aġenda. Il-minuti tal-laqqgħa għandhom jistabbilixxu l-punti li hemm fuq l-aġenda u jiddikjaraw b'mod ċar id-deċiżjonijiet meħuda u l-azzjonijiet maqbula. Dawn il-prattiki u l-proċeduri, flimkien mad-drittijiet, ir-responsabbiltajiet u l-attivitajiet ewlenin tal-korp maniġerjali, għandhom jiġu ddokumentati u reveduti b'mod perġodiku mill-korp maniġerjali.

Valutazzjoni tal-funzjonament tal-korp maniġerjali

3. Il-korp maniġerjali għandu jivvaluta l-effiċjenza u l-effikaċja individwali u kollettivi tal-attivitajiet, il-prattiki u l-proċeduri ta' governanza tiegħu, kif ukoll il-funzjonament tal-kumitati, fuq bażi regolari. Jistgħu jintużaw faċilitaturi esterni biex iwettqu l-valutazzjoni.

Ir-rwol tal-President tal-korp maniġerjali

4. Il-President għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet tal-korp maniġerjali jittieħdu fuq bażi solida u informata sew. Għandu jfhegġeg u jippromwovi diskussjoni miftuħa u kritika u jiżgura li fi ħdan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet jistgħu jiġu espressi u diskussi fehmiel kuntrarji.

Nota ta' spjegazzjoni

Il-President tal-korp maniġerjali għandu rwol kruċjali fil-funzjonament xieraq tal-korp maniġerjali. Jipprovdi tmexxija lill-korp maniġerjali u huwa responsabbli mill-funzjonament effettiv ġenerali tiegħu.

5. F'sistema b'saff wieħed, il-President tal-korp maniġerjali u l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' istituzzjoni ma għandhomx ikunu l-istess persuna. Meta l-President tal-korp maniġerjali jkun ukoll l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ miżuri biex jimminimizzaw id-detriment potenzjali fuq il-kontrolli u bilanċi tagħha.

Nota ta' spjegazzjoni

Kontrolli u bilanċi jistgħu jinvolvu, pereżempju, il-kariga ta' membru indipendenti superjuri tat-tmexxija tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu jew pożizzjoni simili.

Kumitati speċjalizzati tal-korp maniġerjali

6. Filwaqt li jqis id-daqs u l-kumplessità ta' istituzzjoni, il-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jikkunsidra t-twaqqif ta' kumitati speċjalizzati li jikkonsistu f'membri tal-korp maniġerjali (persuni oħrajn jistgħu jiġu mistiedna jattendu minħabba l-kompetenzi jew il-pariri speċifiċi tagħhom li huma rilevanti għal kwistjoni partikolari). Il-kumitati speċjalizzati jistgħu jinkludu kumitat dwar l-awditjar, kumitat dwar ir-riskji, kumitat dwar ir-rimunerazzjoni, kumitat dwar in-nomini jew tar-riżorsi umani u/jew kumitat ta' governanza jew etika jew konformità.

Nota ta' spjegazzjoni

Id-delega lil kumitati bħal dawn bl-ebda mod ma tirrilaxxa lill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu milli jaqdi b'mod kollettiv id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu, iżda tista' tgħin biex tappoġġjah f'oqsma speċifiċi jekk tiffaċilita l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' prattiki u deċiżjonijiet tajbin ta' governanza.

7. Kumitat speċjalizzat għandu jkollu taħlita eċċellenti ta' kompetenzi u esperjenza li, flimkien, jippermettulu jifhem bis-sħiħ, jevalwa b'mod oġġettiv kwistjonijiet relattivi u jaħseb b'mod innovattiv fil-kwistjonijiet rilevanti. Għandu jkollu numru suffiċjenti ta' membri indipendenti. Kull kumitat għandu jkollu mandat dokumentat (inkluż il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu) mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu u proċeduri ta' ħidma stabbiliti. Xi kultant tista' ssir rotazzjoni tas-sħubija u l-presidenza ta' kumitat.

Nota ta' spjegazzjoni

Ir-rotazzjoni tas-sħubija u l-presidenza tgħin biex tevita konċentrazzjoni żejda ta' setgħa u biex tippromwovi perspettivi ġodda.

8. Il-Presidenti tal-kumitati rispettivi għandhom jirrapportaw lura b'mod regolari lill-korp maniġerjali. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jinteraġixxu flimkien kif ikun xieraq biex jiżguraw konsistenza u jevitaw kwalunkwe diskrepanzi. Dan jista' jsir permezz ta' kontroparteċipazzjoni: il-President jew membru ta' wieħed mill-kumitati speċjalizzati jista' jkun ukoll membru ta' kumitat speċjalizzat ieħor.

Kumitat tal-awditjar

9. Kumitat tal-awditjar (jew ekwivalenti) għandu, *inter alia*, jissorvelja l-effikaċja tal-kontroll intern, l-awditjar intern, u s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskji tal-kumpanija; jissorvelja l-awdituri esterni tal-istituzzjoni; jirrakkomanda għall-approvazzjoni mill-korp maniġerjali l-ħatra, il-kumpens jew it-tneħħija tal-awdituri esterni; jirrevedi u japprova l-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza tal-awditjar; jirrevedi rapporti tal-awditjar; u jivverifika li l-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu jieħu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa fil-ħin sabiex jindirizza dgħjufijiet fil-kontroll, nuqqas ta' konformità mal-liġijiet, regolamenti u politiki, u problemi oħrajn identifikati mill-awdituri. Barra minn hekk, il-kumitat tal-awditjar għandu jissorvelja t-twaqqif ta' politiki dwar il-kontabbiltà mill-istituzzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni

Ara wkoll l-Art 41 tad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet ikkonsolidati.

10. Il-President tal-kumitat għandu jkun indipendenti. Jekk il-President ikun eks membru tal-funzjoni maniġerjali tal-istituzzjoni, għandu jgħaddi perjodu ta' żmien xieraq qEBAI ma tittieħed il-kariga ta' President tal-kumitat.
11. Il-membri tal-kumitat tal-awditjar sħiħ għandu jkollhom esperjenza prattika reċenti u rilevanti fil-qasam tas-swieq finanzjarji jew għandhom ikunu kisbu, mill-attivitajiet kummerċjali ta' sfond tagħhom, biżżejjed esperjenza professjonali marbuta direttament mal-attività fis-swieq finanzjarji. Fi kwalunkwe każ, il-President tal-kumitat tal-awditjar għandu jkollu għarfien ta' speċjalist u esperjenza fl-applikazzjoni tal-prinċipji kontabilistiċi u l-proċessi ta' kontroll intern.

Kumitat tar-riskju

12. Kumitat tar-riskju (jew ekwivalenti) għandu jkun responsabbli mill-forniment ta' pariri lill-korp maniġerjali dwar it-tolleranza/ir-rieda globali u l-istrateġija attwali u tal-ġejjieni tal-istituzzjoni dwar ir-riskji, u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija. Biex titjeb l-effikaċja tal-kumitat tar-riskju, għandu jikkomunika b'mod regolari mal-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskju u l-Kap Uffiċjal tar-Riskju tal-istituzzjoni u, fejn ikun xieraq, għandu jkollu aċċess għal pariri esperti esterni, speċjalment fir-rigward ta' tranżazzjonijiet strateġiċi proposti, bħal fużjonijiet u akkwisti.

B.3 Qafas għat-twettiq tan-negozju

15. Valuri korporattivi u kodiċi ta' kondotta

1. Il-korp maniġerjali għandu jiżviluppa u jippromwovi standards etiċi u professjonali għoljin.

Nota ta' spjegazzjoni

Meta jinxteħet dubju fuq ir-reputazzjoni ta' istituzzjoni, jista' jkun diffiċli biex jiġi rkuprat it-telf ta' fiduċja u dan jista' jkollu effetti negattivi fi ħdan is-suq.

L-implimentazzjoni ta' standards xierqa (eż. kodiċi ta' kondotta) għal mgħiba professjonali u responsabbli fi ħdan istituzzjoni għandha tgħin tnaqqas ir-riskji li hija esposta għalihom. B'mod partikolari, riskju operattiv u għar-reputazzjoni jonqos jekk dawn l-istandards jingħataw prijorità għolja u jiġu implimentati b'mod sod.

2. Il-korp maniġerjali għandu jkollu politiki ċari dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-istandards.
3. Għandha ssir reviżjoni ssoktata tal-implimentazzjoni u l-konformità tagħhom ma' dawk l-istandards. Ir-riżultati għandhom jiġu rrapportati lill-korp maniġerjali fuq bażi regolari.

16. Kunflitti ta' interess fil-livell tal-istituzzjoni

1. Il-korp maniġerjali għandu jistabbilixxi, jimplementa u jżomm aġġornati politiki effettivi biex jidentifika kunflitti ta' interess attwali u potenzjali. Il-kunflitti ta' interess li ġew żvelati lill-korp maniġerjali u approvati minnu għandhom jiġu ġestiti kif xieraq.
2. Politika bil-miktub għandha tidentifika r-relazzjonijiet, is-servizzi, l-attivitajiet jew it-tranżazzjonijiet ta' istituzzjoni li fihom jistgħu jinqalgħu kunflitti ta' interess u għandha tiddikjara kif dawn il-kunflitti għandhom jiġu ġestiti. Din il-politika għandha tkopri relazzjonijiet u tranżazzjonijiet bejn klijenti differenti ta' istituzzjoni u dawk bejn istituzzjoni u:
 - a. il-klijenti tagħha (minħabba l-mudell kummerċjali u/jew il-bosta servizzi u attivitajiet ipprovduti mill-istituzzjoni);
 - b. l-azzjonisti tagħha;
 - c. il-membri tal-korp maniġerjali tagħha;
 - d. il-persunal tagħha;
 - e. il-fornituri jew l-imsieħba kummerċjali tagħha; u

- f. partijiet relatati oħrajn (eż. il-kumpanija prinċipali jew is-sussidjarji tagħha).
3. Kumpanija prinċipali għandha tikkunsidra u tikkunsidra l-interessi tas-sussidjarji kollha tagħha, u tikkunsidra kif dawn l-interessi jikkontribwixxu għall-iskop u l-interessi komuni tal-grupp sħiħ fit-tul.
 4. Il-politika dwar il-kunflitt ta' interess għandha tistabbilixxi miżuri li għandhom jiġu adottati sabiex jiġu evitati u kkontrollati kunflitti ta' interess. Dawk il-proċeduri u miżuri jistgħu jinkludu:
 - a. segregazzjoni adegwata tad-dmirijiet, eż. persuni differenti jiġu fdati b'attivitajiet f'kunflitt fi ħdan il-katina ta' tranżazzjonijiet jew ta' servizzi, jew persuni differenti jiġu fdati b'responsabbiltajiet superviżorji u ta' rapportar għal attivitajiet f'kunflitt;
 - b. l-istabbiliment ta' ostakli għat-tixrid tal-informazzjoni bħas-separazzjoni fiżika ta' ċerti dipartimenti; u
 - c. li n-nies li huma attivi anki barra l-istituzzjoni ma jitħallewx ikollhom influwenza mhux xierqa fi ħdan l-istituzzjoni fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet.

17. Proċeduri interni ta' twissija

1. Il-korp maniġerjali għandu jimplementa proċeduri interni xierqa ta' twissija biex jikkomunika tħassib tal-persunal dwar problemi fil-governanza interna.
2. Istituzzjoni għandha tadotta l-proċeduri interni xierqa ta' twissija li l-persunal jista' juża biex jiġbed l-attenzjoni lejn tħassib importanti u leġittimu dwar kwistjonijiet marbutin mal-governanza interna. Dawn il-proċeduri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-persunal li jqajjem dak it-tħassib. Biex jiġu evitati kunflitti ta' interess, għandu jkun hemm opportunità biex jitqajjem dan it-tipi ta' tħassib barra l-linji ta' rapportar regolari (eż. permezz tal-funzjoni ta' Konformità jew il-funzjoni tal-Awditjar Intern jew proċedura interna ta' whistleblower). Il-proċeduri ta' twissija għandhom ikunu disponibbli għall-persunal kollu fi ħdan l-istituzzjoni. Jekk tkun rilevanti, l-informazzjoni pprovduta mill-persunal permezz tal-proċedura ta' twissija għandha tkun disponibbli għall-korp maniġerjali.

Nota ta' spjegazzjoni

F'xi Stati Membri, minbarra kwalunkwe proċedura interna ta' twissija fi ħdan l-istituzzjoni, jista' jkun hemm anki l-possibilità li l-persunal jinforma lill-awtorità superviżorja dwar tħassib ta' dan it-tip.

B.4 Il-politiki ta' esternalizzazzjoni u rimunerazzjoni

18. Esternalizzazzjoni

1. Il-korp maniġerjali għandu japprova u jirrevedi b'mod regolari l-politika ta' esternalizzazzjoni ta' istituzzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni

Din il-Linja Gwida hija limitata għall-politika ta' esternalizzazzjoni, waqt li l-aspetti speċifiċi tal-kwistjoni ta' esternalizzazzjoni huma indirizzati fil-Linji Gwida tas-CEBS dwar l-Esternalizzazzjoni, li huma disponibbli fuq il-websajt tal-EBA.

L-istituzzjonijiet huma mistennija jikkonformaw maż-żewġ settijiet ta' Linji Gwida. F'każ ta' diskrepanzi, il-Linji Gwida (tas-CEBS) dwar l-esternalizzazzjoni għandhom japplikaw, peress li huma iktar speċifiċi. Fil-każ ta' kwistjoni mhux koperta mil-Linji Gwida tas-CEBS, għandu japplika l-prinċipju ġenerali ta' dawn il-Linji Gwida.

2. Il-politika ta' esternalizzazzjoni għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni l-impatt tal-esternalizzazzjoni fuq in-negozju ta' istituzzjoni u r-riskju li tiffaċċja (bħal riskju operattiv, riskju għar-reputazzjoni u riskju ta' konċentrazzjoni). Il-politika għandha tinkludi l-arranġamenti ta' rapportar u monitoraġġ li għandhom jiġu implimentati mit-tneġġija sa tmiem ftehim ta' esternalizzazzjoni (inkluż it-tfassil tal-każ kummerċjali għal esternalizzazzjoni, l-iffirmar ta' kuntratt ta' esternalizzazzjoni, l-implimentazzjoni tal-kuntratt sal-iskadenza tiegħu, pjanijiet ta' kontinġenza u strateġiji ta' ħruġ). Il-politika għandha tiġi riveduta u aġġornata b'mod regolari, b'bidliet li għandhom jiġu implimentati fil-ħin.
3. Istituzzjoni tibqa' kompletament responsabbli mis-servizzi u l-attivitajiet esternalizzati kollha u d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni li joħorġu minnhom. B'hekk, il-politika ta' esternalizzazzjoni għandha tiċċara li esternalizzazzjoni ma tfissirx li l-istituzzjoni tista' tevita l-obbligi regolatorji u r-responsabbiltajiet tagħha lejn il-klijenti tagħha.
4. Il-politika għandha tiddikjara li arranġamenti ta' esternalizzazzjoni ma għandhomx ixekklu s-superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post tal-istituzzjoni u ma għandhomx jiksru xi restrizzjonijiet superviżorji fuq servizzi u attivitajiet. Il-politika għandha tkopri wkoll esternalizzazzjoni interna (eż. permezz ta' entità ġuridika separata fi ħdan grupp ta' istituzzjoni) u kwalunkwe ċirkustanzi speċifiċi tal-grupp li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni.

19. Governanza tal-politika ta' rimunerazzjoni

1. Is-sorveljanza finali tal-politika ta' rimunerazzjoni għandha tkun f'idejn il-korp maniġerjali ta' istituzzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni

Dawn il-Linji Gwida jipprovdu l-qafas *ġenerali* applikabbli għall-governanza tal-politika ta' rimunerazzjoni. L-aspetti *speċifiċi* tal-kwistjoni ta' rimunerazzjoni huma indirizzati fil-Linji Gwida tas-CEBS dwar ir-Rimunerazzjoni ta' Diċembru 2010. L-istituzzjonijiet huma mistennija jikkonformaw maż-żewġ settijiet ta' Linji Gwida.

2. Il-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jżomm, japprova u jissorvelja l-prinċipju tal-politika ġenerali ta' rimunerazzjoni għall-istituzzjoni tiegħu. Il-proċeduri tal-istituzzjoni għad-determinazzjoni tar-rimunerazzjoni għandhom ikunu ċari, iddokumentati sew u trasparenti internament.
3. Minbarra r-responsabbiltà ġenerali tal-korp maniġerjali għall-politika ġenerali ta' ħlas u r-reviżjoni tagħha, hemm bżonn ta' involviment adegwat tal-funzjonijiet ta' kontroll. Il-membri tal-korp maniġerjali, il-membri tal-kumitat ta' rimunerazzjoni u l-membri tal-persunal l-oħrajn li huma involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni għandu jkollhom kompetenzi rilevanti u jkun kapaċi jiformaw ġudizzju indipendenti dwar l-idoneità tal-politika ta' rimunerazzjoni, inklużi l-implikazzjonijiet tagħha għall-ġestjoni tar-riskji.
4. Il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tkun imfassla sabiex tipprevjeni wkoll il-kunflitti ta' interess. Il-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu ma għandux jiddetermina r-rimunerazzjoni tiegħu stess; sabiex jevita li jagħmel dan, jista' jikkunsidra, pereżempju, l-użu ta' kumitat indipendenti dwar ir-rimunerazzjoni. Unità kummerċjali ma għandhiex tkun tista' tiddetermina r-rimunerazzjoni tal-funzjonijiet ta' kontroll tagħha.
5. Il-korp maniġerjali għandu jibqa' jissorvelja l-applikazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni biex jiżgura li taħdem kif suppost. L-implimentazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni għandha tkun soġġetta wkoll għal reviżjoni ċentrali u indipendenti wkoll.

C. Ġestjoni tar-riskji

20. Kultura tar-riskji

1. Istituzzjoni għandha tiżviluppa kultura integrata u ta' riskju fi hndan l-istituzzjoni, ibbażata fuq fehim sħiħ tar-riskji li tiffaċċja u kif inhuma ġestiti, filwaqt li tiegħu f'kunsiderazzjoni t-tolleranza/rieda għar-riskju.

Nota ta' spjegazzjoni

Peress li n-negozju ta' istituzzjoni jinvolti l-iktar it-teħid ta' riskji, huwa fundamentali li r-riskji jiġu ġestiti kif xieraq. Kultura ta' riskju solida u konsistenti fi ħdan istituzzjoni hija element ċentrali tal-ġestjoni effettiva tar-riskji.

2. Istituzzjoni għandha tiżviluppa l-kultura tagħha dwar ir-riskji permezz ta' politiki, eżempji, komunikazzjoni u taħriġ tal-persunal dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom għar-riskju.
3. Kull membru tal-organizzazzjoni għandu jkun jaf sew ir-responsabbiltajiet tiegħu marbutin mill-ġestjoni tar-riskji. Il-ġestjoni tar-riskji ma għandhiex tkun limitata għal speċjalisti tar-riskji jew funzjonijiet ta' kontroll. L-unitajiet kummerċjali, issorveljati mill-korp maniġerjali, għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-ġestjoni tar-riskji fuq bażi ta' kuljum, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni t-tolleranza/ir-rieda għar-riskji tal-istituzzjoni u b'konformità mal-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli tagħha.
4. Istituzzjoni għandu jkollha qafas olistiku ta' ġestjoni tar-riskji li jestendi għall-unitajiet kollha kummerċjali, ta' appoġġ u ta' kontroll tagħha, li jirrikonoxxi bis-siġħ is-sustanza ekonomika tal-esponimenti għar-riskju tagħha u li jkopri r-riskji kollha rilevanti (eż. finanzjarji u mhux finanzjarji, fuq u barra l-karta tal-bilanċ, kontinġenti jew kuntrattwali). Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ma għandux ikun limitat għal riskji tal-kreditu, tas-suq, tal-likwidità u operattivi, iżda għandu jinkludi wkoll riskji ta' konċentrazzjoni, għar-reputazzjoni, ta' konformità u strateġiċi.
5. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji għandu jippermetti lill-istituzzjoni sabiex tiegħu deċiżjonijiet informati. Għandhom ikunu bbażati fuq informazzjoni li ġejja mill-identifikazzjoni, il-kejl jew il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji. Ir-riskji għandhom jiġu evalwati minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel, permezz ta' katina ta' ġestjoni kif ukoll fi ħdan il-linji operattivi, billi jintużaw terminoloġija konsistenti u metodoloġiji kompatibbli fi ħdan l-istituzzjoni u l-grupp tagħha.
6. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji għandu jkun soġġett għal reviżjoni indipendenti interna jew esterna u jerġa' jiġi vvalutat b'mod regolari fl-isfond tat-tolleranza/ir-rieda għar-riskju tal-istituzzjoni, filwaqt li tittieħed f'kunsiderazzjoni informazzjoni mill-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji u, fejn rilevanti, il-kumitat tar-riskju. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu żviluppi interni u esterni, inklużi l-karta tal-bilanċ u tkabbir tad-dħul, żieda fil-komplessità tal-kummerċ tal-istituzzjoni, il-profil tar-riskju u l-istruttura operazzjonali, espansjoni ġeografika, fużjonijiet u akkwisti u l-introduzzjoni ta' prodotti jew linji operattivi ġodda.

21. Allinjament tar-rimunerazzjoni mal-profil ta' riskju

1. Il-politika u l-prattiki ta' rimunerazzjoni ta' istituzzjoni għandhom ikunu konsistenti mal-profil ta' riskju tagħha u jippromwovu ġestjoni tar-riskji solida u effettiva.

Nota ta' spjegazzjoni

Dawn il-Linji Gwida jipprovdu l-qafas *ġenerali* applikabbli għall-allinjament tal-politika ta' rimunerazzjoni mal-profil ta' riskju ta' istituzzjoni. L-aspetti *speċifiċi* tal-politika ta' rimunerazzjoni huma koperti fil-Linji Gwida tas-CEBS dwar ir-Rimunerazzjoni ta' Diċembru 2010. L-istituzzjonijiet huma mistennija jikkonformaw maż-żewġ settijiet ta' Linji Gwida.

2. Il-politika ġenerali ta' rimunerazzjoni ta' istituzzjoni għandha tkun konformi mal-valuri, l-istrateġija kummerċjali, it-tolleranza/ir-rieda għar-riskju u l-interessi fit-tul tagħha. Ma għandhiex tkegġeg teħid eċċessiv ta' riskji. Bħala regola ġenerali għandhom jiġu pprojbiti r-rimunerazzjonijiet varjabbli ggarantiti jew hłasijiet ta' sensja li jispiċċaw jippremjaw nuqqasijiet għaliex mhumiex konsistenti ma' ġestjoni solida tar-riskji jew il-prinċipju ta' hłas għall-prestazzjoni.
3. Għall-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil ta' riskju ta' istituzzjoni (eż. membri tal-korp maniġerjali, il-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji fl-unitajiet kummerċjali, il-persunal responsabbli mill-kontroll intern u kwalunkwe impjegat li jirċievi hłas totali li jqiegħdhom fl-istess grupp ta' rimunerazzjoni bħall-maniġment superjuri u dawk li jieħdu r-riskji), il-politika ta' rimunerazzjoni għandha tistabbilixxi arranġamenti speċifiċi biex jiġi żgurat li r-rimunerazzjoni tagħhom tkun allinjata ma' ġestjoni tar-riskji solida u effettiva.
4. Il-membri tal-persunal tal-funzjonijiet ta' kontroll għandhom jiġu kkompensati b'mod adegwat skont l-oġettivi u l-prestazzjoni tagħhom u mhux b'rabta mal-prestazzjoni tal-unitajiet kummerċjali li jikkontrollaw.
5. Meta l-paga tkun marbuta mal-prestazzjoni, ir-rimunerazzjoni għandha tkun ibbażata fuq taħlita ta' prestazzjoni individwali u kollettiva. Meta tiġi ddefinita l-prestazzjoni individwali, għandhom jiġu kkunsidrati fatturi oħrajn minbarra l-prestazzjoni finanzjarja. Il-kejl tal-prestazzjoni għall-għotjiet tal-bonus għandu jinkludi aġġustamenti għat-tipi kollha ta' riskju u l-ispejjeż tal-kapital u l-likwidità.
6. Għandu jkun hemm proporzjon bejn il-paga u l-bonus. Bonus notevoli ma għandux ikun biss hłas fi flus kontanti bil-quddiem iżda għandu jkun fih komponent flessibbli u differit aġġustat skont ir-riskju. L-għażla taż-żmien tal-hłas tal-bonus għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-prestazzjoni tar-riskju sottostanti.

22. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji

1. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni għandu jinkludi politiki, proċeduri, limiti u kontrolli li jipprovdu identifikazzjoni, kejl jew valutazzjoni adegwati, fil-ħin u kontinwi, monitoraġġ, mitigazzjoni u rapportar tar-riskji miġjuba mill-attivitajiet tagħha fil-livelli tal-linja tan-negozju u ta' madwar l-istituzzjoni.
2. Qafas ta' ġestjoni tar-riskji ta' istituzzjoni għandu jipprovdi gwida speċifika dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tagħha. Fejn xieraq, għandu jstabbilixxi u jżomm limiti interni konsistenti mat-tolleranza/ir-rieda għar-riskji u b'mod proporzjonat mal-operazzjoni soda, is-saħħa finanzjarja u l-għanijiet strateġiċi tagħha. Il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (jiġifieri l-aggregat tal-esponimenti għar-riskju attwali u potenzjali tagħha) għandu jinżamm fi ħdan dawn il-limiti. Il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji għandu jiżgura li l-ksur tal-limiti jiġi eskalat u indirizzat b'segwitu xieraq.
3. Meta jiġu identifikati u mkejla r-riskji, istituzzjoni għandha tiżviluppa għodod li jħarsu 'l quddiem u lura biex tikkomplimenta l-ħidma dwar l-esponimenti attwali. L-għodod għandhom jippermettu li ssir l-aggregazzjoni tal-esponimenti għar-riskju fost il-linji operattivi u jappoġġjaw l-identifikazzjoni tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju.
4. L-għodod li jħarsu 'l quddiem (bħal analiżi tax-xenarju u testijiet tal-istress) għandhom jidentifikaw esponimenti potenzjali tar-riskju f'firxa ta' ċirkustanzi negattivi; l-għodod li jħarsu lura għandhom jgħinu fir-reviżjoni tal-profil tar-riskju attwali fl-isfond tat-tolleranza/ir-rieda għar-riskju tal-istituzzjoni u l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju tagħha u jagħtu sehemhom fi kwalunkwe aġġustament.

Nota ta' spjegazzjoni

Il-linji gwida dwar it-test tal-istress jinsabu fuq il-websajt tal-EBA.

5. Ir-responsabbiltà finali għall-valutazzjoni tar-riskju hija f'idejn istituzzjoni li għandha tevalwa r-riskji tagħha b'mod kritiku kif deskritt hawn fuq u mhux toqgħod esklużivament fuq valutazzjonijiet esterni.

Nota ta' spjegazzjoni

Pereżempju, istituzzjoni għandha tivvalida mudell tar-riskju mixtri u tikkalibrah għaċ-ċirkustanzi individwali tagħha biex tiżgura kopertura u analiżi preċiżi u komprensivi tar-riskju.

Valutazzjonijiet esterni tar-riskju (inklużi klassifikazzjonijiet tal-kreditu esterni jew mudelli tar-riskju mixtrija b'mod estern) jistgħu jgħinu biex tingħata stima iktar komprensiva tar-riskju. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu jafu bil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-valutazzjonijiet.

6. Id-deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-livell ta' riskji meħuda ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq informazzjoni kwantitattiva jew eżiti tal-mudelli, iżda għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll il-limitazzjonijiet prattiċi u kunċettwali tal-metrika u l-mudelli, billi jużaw approċċ kwalitattiv (inklużi ġudizzju tal-esperti u analiżi kritika). Ix-xejriet u d-dejta dwar l-ambjent makroekonomiku rilevanti għandhom jiġu indirizzati b'mod espliċitu biex jiġi identifikat l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-esponimenti u l-portafolli. Dawk il-valutazzjonijiet għandhom jiġu integrati b'mod formali f'deċiżjonijiet tar-riskju materjali.

Nota ta' spjegazzjoni

Istituzzjoni għandha tikkunsidra li r-riżultati tal-valutazzjonijiet kwantitattivi li jħarsu 'l quddiem u eżerċizzji tat-testijiet tal-istess li jiddependu ħafna mill-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet tal-mudelli (inkluża s-severità u d-durata tax-xokk u r-riskji sottostanti). Pereżempju, il-mudelli li juru redditu ferm għoli fuq il-kapital ekonomiku jistgħu jirriżultaw minn dgħjufija fil-mudelli (eż. l-esklużjoni ta' xi riskji rilevanti) minflok strateġija jew eżekuzzjoni superjuri mill-istituzzjoni.

7. Għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi regolari u trasparenti ta' rapportar sabiex il-korp maniġerjali u l-unitajiet kollha rilevanti f'istituzzjoni jingħataw rapporti fil-ħin, preċiżi, konċiżi, komprensibbli u b'mod sinifikanti u jistgħu jikkondividu informazzjoni rilevanti dwar l-identifikazzjoni, il-kejl jew il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji. Il-qafas ta' rapportar għandu jkun iddefinit sew, iddokumentat u approvat mill-korp maniġerjali.
8. Jekk ikun twaqqaf kumitat tar-riskju, dan għandu jirċievi rapporti formali u komunikazzjoni informali regolari, skont kif ikun xieraq, mill-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji u l-Uffiċjal Kap tar-Riskji.

Nota ta' spjegazzjoni

Il-komunikazzjoni effettiva tal-informazzjoni dwar ir-riskji hija kruċjali għall-proċess sħiħ ta' ġestjoni tar-riskji, tiffaċilita r-reviżjoni u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u tgħin tipprevjeni deċiżjonijiet li jżidu r-riskju mingħajr ma jafu. Ir-rapportar effettiv tar-riskji jinvolvi konsiderazzjoni u komunikazzjoni interni sodi dwar l-istrateġija tar-riskji u d-dejta rilevanti dwar ir-riskji (eż. esponimenti u indikaturi tar-riskji ewlenin) kemm b'mod orizzontali fi ħdan l-istituzzjoni kif ukoll 'il fuq u 'l isfel fil-katina tal-ġestjoni.

23. Prodotti ġodda

1. Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politika ta' approvazzjoni ta' prodotti ġodda ('NPAP'), approvata mill-korp maniġerjali, li tindirizza l-iżvilupp ta' swieq, prodotti u servizzi ġodda u bidliet notevoli f'dawk eżistenti.
2. In-NPAP ta' istituzzjoni għandha tkopri kull kunsiderazzjoni li għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni qabel jiġi deċiż id-dħul fi swieq ġodda, in-negozjar fi prodotti ġodda, it-tnedija ta' servizz ġdid jew it-twettiq ta' bidliet notevoli fi prodotti jew servizzi eżistenti. L-NPAP għandha tinkludi wkoll id-definizzjoni ta' 'prodott/suq/negozju ġdid' li għandha tintuża fl-organizzazzjoni u l-funzjonijiet interni involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
3. In-NPAP għandha tistabbilixxi l-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati qEBA l-tittieħed deċiżjoni. Dawn għandhom jinkludu l-konformità regolatorja, il-mudelli tal-ipprezzar, l-impatti fuq il-profil tar-riskju, l-adeqwatezza tal-kapital u l-profitabbiltà, id-disponibilità ta' riżorsi adegwati tal-uffiċċju tan-negozju, il-back office u l-middle office u għodod interni u kompetenza adegwati għall-fehim u s-sorveljanza tar-riskji assoċjati. Id-deċiżjoni ta' tnedija ta' attività ġdida għandha tiddikjara biċ-ċar l-unità tan-negozju u l-individwi responsabbli minnha. Attività ġdida ma għandhiex titwettaq sakemm ikun hemm disponibbli riżorsi adegwati għall-fehim u l-ġestjoni tar-riskji assoċjati.
4. Il-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji għandha tkun involuta fl-approvazzjoni ta' prodotti ġodda jew bidliet importanti fi prodotti eżistenti. Il-kontribut tagħha għandu jinkludi valutazzjoni sħiħa u oġġettiva tar-riskji li jfeġġu minn attivitajiet ġodda f'firxa ta' xenarji, ta' kwalunkwe nuqqasijiet potenzjali fl-oqfsa ta' ġestjoni tar-riskju u ta' kontroll intern ta' istituzzjoni, u tal-kapaċità tal-istituzzjoni sabiex iġġestixxi kwalunkwe riskju ġdid b'mod effettiv. Il-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji għandu jkollha wkoll idea ċara tat-tnedija ta' prodotti ġodda (jew bidliet sinifikanti fi prodotti eżistenti) fi ħdan linji operattivi u portafolli differenti u s-setgħa li tobbliga l-bidliet fi prodotti eżistenti sabiex jgħaddu mill-proċess formali tan-NPAP.

D. Kontroll intern

24. Il-qafas ta' kontroll intern

1. Istituzzjoni għandha tiżviluppa u tmantni qafas ta' kontroll intern b'saħħtu u komprensiv, inklużi funzjonijiet speċifiċi ta' kontroll indipendenti b'kapaċità xierqa biex iwettqu l-missjoni tagħhom.
2. Il-qafas ta' kontroll intern ta' istituzzjoni għandu jiżgura operazzjonijiet effettivi u effiċjenti, kontroll adegwat tar-riskji, tmexxija ta' operazzjonijiet prudenti, affidabbiltà tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja rrapportata, kemm b'mod intern kif ukoll estern, u konformità mal-liġijiet, regolamenti, rekwiżiti

superviżorji u r-regoli interni u d-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni. Il-qafas ta' kontroll intern għandu jkopri l-organizzazzjoni sħiħa, inklużi l-attivitajiet tal-unitajiet kollha tan-negozju, ta' appoġġ u ta' kontroll. Il-qafas ta' kontroll intern għandhom ikunu xierqa għan-negozju ta' istituzzjoni, bi proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi sodi.

3. Fl-iżvilupp ta' qafas tal-kontroll intern tagħha, istituzzjoni għandha tara li hemm proċess ċar, trasparenti u ddokumentat għat-teħid ta' deċiżjonijiet u allokkazzjoni ċara ta' responsabbiltajiet u awtorità biex tiżgura konformità mar-regoli interni u d-deċiżjonijiet. Sabiex timplimenta qafas ta' kontroll intern b'saħħtu fl-oqsma kollha tal-istituzzjoni, l-unitajiet tan-negozju u ta' appoġġ għandhom ikunu l-ewwel responsabbli mit-twaqqif u ż-żamma ta' politiki u proċeduri adegwati ta' kontroll intern.
4. Qafas xieraq ta' kontroll intern jeħtieġ ukoll verifika minn funzjonijiet ta' kontroll indipendenti li tikkonferma li jkun hemm konformità ma' dawn il-politiki u l-proċeduri. Il-funzjonijiet ta' kontroll għandhom jinkludu funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji, funzjoni ta' Konformità u funzjoni ta' Awditjar Intern.
5. Il-funzjonijiet ta' kontroll għandhom jitwaqqfu f'livell ġerarkiku adegwat u jirrapportaw direttament lill-korp maniġerjali. Għandhom ikunu indipendenti mill-unitajiet tan-negozju u ta' appoġġ li jissorveljaw u jikkontrollaw kif ukoll indipendenti fil-livell organizzattiv minn xulxin (peress li jwettqu funzjonijiet differenti). Madankollu, f'istituzzjonijiet inqas kumplessi jew iżgħar, il-kompiti tal-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji u ta' Konformità jistgħu jingħaqdu f'daqqa. Il-funzjonijiet ta' kontroll tal-grupp għandhom jissorveljaw il-funzjonijiet ta' kontroll tas-sussidjarji.
6. Sabiex il-funzjoni ta' kontroll titqies indipendenti, għandhom jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - a. il-persunal tagħha ma jwettaqx kompiti li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll hija maħsuba tissorvelja u tikkontrolla;
 - b. il-funzjoni ta' kontroll hija separata fil-livell organizzattiv mill-attivitajiet li hija assenjata tissorvelja u tikkontrolla;
 - c. il-kap tal-funzjoni ta' kontroll huwa subordinat għal persuna li ma għandha ebda responsabbiltà mill-ġestjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll tissorvelja u tikkontrolla. Ġeneralment, il-kap tal-funzjoni ta' kontroll għandu jirrapporta direttament għand il-korp maniġerjali u kwalunkwe kumitati rilevanti u għandu jattendi l-laqqgħat tagħhom b'mod regolari; u
 - d. ir-rimunerazzjoni tal-persunal tal-funzjoni ta' kontroll ma għandux ikun marbut mal-prestazzjoni tal-attivitajiet li l-funzjoni ta' kontroll tissorvelja u tikkontrolla, u lanqas ma huwa probabbli li jxekkel l-oġġettività tagħhom.

7. Il-funzjonijiet ta' kontroll għandu jkollhom numru adegwat ta' persunal ikkwalifikat (kemm fil-livell prinċipali kif ukoll ta' sussidjarja fil-gruppi). Il-persunal għandu jkun ikkwalifikat fuq bażi aġġornata, u għandu jirċievi t-taħriġ xieraq. Għandhom ikollhom ukoll sistemi ta' dejta xierqa u appoġġ għad-dispożizzjoni tagħhom, b'aċċess għall-informazzjoni interna u esterna meħtieġa biex iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom.
8. Il-funzjonijiet ta' kontroll għandhom jissottomettu regolarment rapporti formali dwar nuqqasijiet kbar identifikati għand il-korp maniġerjali. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu segwitu fuq sejbiet preċedenti u, għal kull nuqqas kbir identifikat, ir-riskji rilevanti involuti, valutazzjoni tal-impatt u rakkomandazzjonijiet. Il-korp maniġerjali għandu jieħu azzjoni dwar is-sejbiet tal-funzjonijiet ta' kontroll fil-ħin u b'mod effettiv u jeħtieġ azzjoni ta' rimedju adegwata.

25. Il-funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji (RCF)

1. Istituzzjoni għandha twaqqaf funzjoni ta' Kontroll tar-Riskji komprensiva u indipendenti.
2. Ir-RCF għandha tiżgura li kull riskju ewlieni ffaċċjat mill-istituzzjoni huwa identifikat u ġestit kif suppost mill-unitajiet rilevanti fl-istituzzjoni u li tiġi ppreżentata f'arsa olistika lejn ir-riskji kollha rilevanti lill-korp maniġerjali. Ir-RCF għandha ttiprovdi informazzjoni indipendenti rilevanti, analiżi u ġudizzju espert dwar l-esponimenti għar-riskju, u parir dwar proposti u deċiżjonijiet dwar riskji li jittieħdu mill-korp maniġerjali u unitajiet tan-negozju jew ta' appoġġ dwar jekk humiex konsistenti mat-tolleranza/ir-rieda għar-riskju tal-istituzzjoni. Ir-RCF tista' tirrakkomanda titjib fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju u alternattivi għar-rimedju ta' ksur tal-politiki, il-proċeduri u l-limiti relatati mar-riskju.
3. Ir-RCF għandha tkun karatteristika organizzattiva ċentrali ta' istituzzjoni, strutturata sabiex tkun tista' timplimenta politiki dwar ir-riskju u tikkontrolla l-qafas ta' ġestjoni tar-riskju. Istituzzjonijiet kbar, kumplessi u sofistikati jistgħu jikkunsidraw jistabbilixxu RCFs iddedikati għal kull linja operattiva materjali. Madankollu, fl-istituzzjoni għandu jkun hemm RCF ċentrali (inkluża, fejn xieraq, RCF ta' Grupp fil-kumpanija prinċipali ta' grupp) biex tingħata f'arsa olistika lejn ir-riskji kollha.
4. Ir-RCF għandha tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozju u ta' appoġġ li tikkontrollalhom ir-riskji iżda m'għandhiex tkun iżolata minnhom. Għandu jkollha biżżejjed għarfien dwar it-tekniki u l-proċeduri ta' ġestjoni tar-riskji u dwar is-swieq u l-prodotti. L-interazzjoni bejn il-funzjonijiet operattivi u r-RCF għandha tħaffef l-oġġettiv li l-persunal kollu tal-istituzzjoni jerfa' r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskju.

26. Ir-rwol tal-Funzjoni ta' Kontroll tar-Riskju

1. Ir-RCF għandha tkun involuta b'mod attiv fl-istadju bikri tal-elaborazzjoni ta' strateġija tar-riskju ta' istituzzjoni u fid-deċiżjonijiet kollha materjali ta' ġestjoni tar-riskju. Ir-RCF għandu jkollha rwol importanti sabiex jiġi żgurat li l-istituzzjoni jkollha fis-seħħ proċessi effettivi għall-ġestjoni tar-riskju.

Ir-rwol tar-RCF fl-istrateġija u d-deċiżjonijiet

2. Ir-RCF għandha tipprovdi lill-korp maniġerjali bl-informazzjoni kollha rilevanti marbuta mar-riskji (eż. permezz ta' analiżi teknika dwar l-esponiment tar-riskji) biex ikun jista' jstabbilixxi l-livell ta' tolleranza/rieda għar-riskju tal-istituzzjoni.
3. Ir-RCF għandha tivvaluta wkoll l-istrateġija tar-riskju, inklużi miri proposti mill-unitajiet tan-negozju, u tagħti pariri lill-korp maniġerjali qEBAI tittieħed deċiżjoni. Il-miri, li jinkludu klassifikazzjonijiet tal-kreditu u rati ta' redditu fuq l-ekwità, għandhom ikunu plawżibbli u konsistenti.
4. Ir-RCF għandha tikkondividi r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' strateġija u politika dwar ir-riskji ta' istituzzjoni mal-unitajiet kollha tan-negozju tal-istituzzjoni. Filwaqt li l-unitajiet tan-negozju għandhom jimplimentaw il-limiti rilevanti tar-riskji, ir-RCF għandha tkun responsabbli biex tiżgura li l-limiti jkunu konformi mar-rieda/tolleranza globali għar-riskji tal-istituzzjoni u l-monitoraġġ fuq bażi kontinwa li l-istituzzjonijiet mhijiex tiegħu f'idejha riskju eċċessiv.
5. L-involviment tar-RCFs fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet għandu jiżgura li l-konċentrazzjonijiet tar-riskju jittieħdu f'kunsiderazzjoni kif xieraq. Madankollu, ir-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet meħuda għandha tibqa' f'idejn l-unitajiet tan-negozju u ta' appoġġ u finalment, f'idejn il-korp maniġerjali.

Ir-rwol tar-RCF fit-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati

6. Ir-RCF għandha tiżgura li t-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati jiġu riveduti u li r-riskji attwali jew potenzjali li jġibu magħhom għall-istituzzjoni huma identifikati u vvalutati b'mod adegwat.

Ir-rwol tar-RCF fil-kumplessità tal-istruttura legali

7. Ir-RCF għandu jkollha l-għan li tidentifika r-riskji materjali li ġejjin mill-kumplessità tal-istruttura legali ta' istituzzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni

Ir-riskji jistgħu jinkludu nuqqas ta' trasparenza fil-ġestjoni, riskji operattivi kkaġunati minn strutturi ta' finanzjament interkonnessi u kumplessi, esponimenti intragrupp, kollateral maqbud u riskju għall-kontroparti.

Ir-rwol tar-RCF f'bidliet materjali

8. Ir-RCF għandha tevalwa kif kwalunkwe riskju materjali identifikat jista' jaffettwa l-abbiltà tal-istituzzjoni jew tal-grupp biex jamministraw il-profil tar-riskju tagħha u jiskjeraw finanzjament u kapital f'ċirkustanzi normali u negattivi.
9. QEBAI jittieħdu deċiżjonijiet dwar bidliet materjali jew tranżazzjonijiet eċċezzjonali, ir-RCF għandha tkun involuta fl-evalwazzjoni tal-impatt ta' dawk il-bidliet u tranżazzjonijiet eċċezzjonali fuq ir-riskju globali tal-istituzzjoni u tal-grupp.

Nota ta' spjegazzjoni

Bidliet materjali jew tranżazzjonijiet eċċezzjonali jistgħu jinkludu fużjonijiet u akkwisti, il-ħolqien jew il-bejgħ ta' sussidjarji jew SPVs, prodotti ġodda, bidliet fis-sistemi, qafas jew proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju u bidliet fl-organizzazzjoni tal-istituzzjoni.

Ara l-linji gwida konġunti tal-2008 ta' dawk li qEBAI kienu t-tliet Kumitati tas-Superviżjoni Finanzjarja Ewropea tal-Livell 3 (CEBS, CESR, u CEIOPS) dwar il-valutazzjoni prudenzjali tal-akkwisti u ż-żidiet fil-*holdings* fis-settur finanzjarju, li huma ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA. L-RCF għandha tkun involuta b'mod attiv fi stadju bikri fl-identifikazzjoni tar-riskji rilevanti (inklużi konsegwenzi potenzjali mit-twettiq ta' diliġenza dovuta insuffiċjenti li tonqos milli tidentifika riskji ta' wara l-fużjoni) marbutin mal-bidliet fl-istruttura tal-grupp (inklużi fużjonijiet u akkwisti) u għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha direttament lill-korp maniġerjali.

Ir-rwol tar-RCF fil-kejl u l-valutazzjoni

10. Ir-RCF għandha tiżgura li l-kejl u l-valutazzjonijiet tar-riskju intern ta' istituzzjoni jkopru firxa xierqa ta' xenarji u li huma bbażati fuq suppożizzjonijiet konservattivi biżżejjed dwar id-dipendenzi u l-korrelazzjonijiet. Dan għandu jinkludi fehmiel kwalitattivi (inkluż ġudizzju minn esperti) lejn il-kumpanija kollha fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn ir-riskji u l-profittabbiltà tal-istituzzjoni u l-ambjent operattiv estern tagħha.

Ir-rwol tar-RCF fil-monitoraġġ

11. Ir-RCF għandha tiżgura li r-riskji kollha identifikati jistgħu jiġu ssorveljati b'mod effettiv mill-unitajiet tan-negozju. Ir-RCF għandha tissorvelja b'mod regolari l-

profil tar-riskju attwali tal-istituzzjoni u tifliħ fl-isfond tal-għanijiet strateġiċi u t-tolleranza/ir-rieda għar-riskju tal-istituzzjoni biex ikunu jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet mill-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u jkun jista' jsir appell mill-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu.

12. Ir-RCF għandha tanalizza xejriet u tirrikonoxxi riskji ġodda jew emerġenti li ġejjin minn ċirkustanzi u kundizzjonijiet li jinbidlu. Għandha tirrevedi b'mod regolari wkoll l-eżiti attwali tar-riskji fl-isfond ta' stimi preċedenti (jiġifieri ttestjar b'lura) biex tivvaluta u ttejjeb il-preċiżjoni u l-effikaċja tal-proċess ta' ġestjoni tar-riskji.
13. Ir-RCF tal-grupp għandha tissorvelja wkoll ir-riskji meħuda mis-sussidjarji. L-inkonsistenzi mal-istrateġija approvata tal-grupp għandhom jiġu rrapportati lill-korp maniġerjali rilevanti.

Ir-rwol tar-RCF f'esponimenti mhux approvati

14. Ir-RCF għandha tkun involuta b'mod adegwat fi kwalunkwe bidla fl-istrateġija, it-tolleranza/ir-rieda għar-riskji approvata u l-limiti tal-istituzzjoni.
15. Ir-RCF għandha tivvaluta b'mod indipendenti ksur jew vjolazzjoni (inkluża l-kawża ta' dan u analiżi legali u ekonomika tal-kost proprju tal-għeluq, it-tnaqqis jew il-hedging tal-esponiment kontra l-kost potenzjali għaż-żamma tagħha). Ir-RCF għandha tinforma, kif xieraq, lill-unitajiet tan-negozju kkonċernati u tirrakkomanda rimedji possibbli.

Nota ta' spjegazzjoni

Ksur jew vjolazzjonijiet ta' strateġiji, tolleranza/rieda għar-riskji jew limiti jistgħu jkunu kkaġunati minn tranżazzjonijiet ġodda, bidliet fiċ-ċirkustanzi tas-suq jew b'evoluzzjoni fl-istrateġija, politiki jew proċeduri tal-istituzzjoni, meta l-limiti jew it-tolleranza/ir-rieda għar-riskji ma jinbidlux skont dawn.

16. Ir-RCF għandu jkollha rwol importanti sabiex jiġi żgurat li tittieħed deċiżjoni dwar ir-rakkomandazzjoni tagħha fil-livell rilevanti, li tinżamm konformità magħha mill-unitajiet tan-negozju rilevanti u tiġi rrapportata kif xieraq lill-korp maniġerjali, il-kumitat tar-riskju u l-unità tan-negozju jew ta' appoġġ.
17. Istituzzjoni għandha tieħu azzjonijiet xierqa kontra imġiba frodulenti interna jew esterna u ksur tad-dixxiplina (eż. ksur tal-proċeduri interni, ksur tal-limiti).

Nota ta' spjegazzjoni

Għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida, it-terminu 'frodi' jkopri frodi intern u estern kif iddefiniti fid-Direttiva 2006/48/KE, Anness X, Parti 5. Dan jinkludi telf minħabba tipi ta' atti maħsubin biex isiru frodi, miżapproprjazzjoni ta' proprjetà jew evitar ta' regolamenti, liġi jew politika tal-kumpanija, esklużi avvenimenti ta' diversità/diskriminazzjoni, li jnvolvu minimu ta' parti interna waħda (frodi intern) u telf minħabba tipi ta' atti maħsubin biex isiru frodi, miżapproprjazzjoni ta' proprjetà jew evitar tal-liġi, minn parti terza (frodi estern).

27. Uffiċjal Kap tar-Riskji

1. Istituzzjoni għandha taħtar persuna, l-Uffiċjal Kap tar-Riskji ('CRO'), b'responsabbiltà esklużiva mir-RCF u mill-monitoraġġ tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskji ta' istituzzjoni fi ħdan l-organizzazzjoni sħiħa.
2. Is-CRO (jew kariga ekwivalenti) għandu jkun responsabbli biex jagħti informazzjoni komprensiva u komprensibbli dwar ir-riskji, sabiex il-korp maniġerjali jkun jista' jifhem il-profil tar-riskju ġenerali tal-istituzzjoni. L-istess japplika għas-CRO ta' istituzzjoni prinċipali fir-rigward tal-grupp sħiħ.
3. Is-CRO għandu jkollu biżżejjed kompetenzi, esperjenza operattiva, indipendenza u anzjanità biex joġġezzjona għal deċiżjonijiet li jolqtu l-esponiment ta' istituzzjoni għar-riskju. Istituzzjoni għandha tikkunsidra tagħti dritt ta' veto lis-CRO. Is-CRO u l-korp maniġerjali jew il-kumitati rilevanti għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw direttament ma' xulxin dwar kwistjonijiet ewlenin inklużi l-iżviluppi li jistgħu jkunu inkonsistenti mat-tolleranza/ir-rieda għar-riskju u l-istrateġija dwar ir-riskji ta' istituzzjoni.
4. Jekk istituzzjoni tkun tixtieq tagħti lis-CRO d-dritt ta' veto ta' deċiżjonijiet, il-politiki tagħha dwar ir-riskji għandhom jistabbilixxu ċ-ċirkustanzi li fihom is-CRO jista' jagħmel dan u n-natura tal-proposti (eż. deċiżjoni dwar kreditu jew investiment jew it-twaqqif ta' limitu). Il-politiki għandhom jiddeskrivu l-proċeduri ta' żieda jew appelli u kif inhu mgħarraf il-korp maniġerjali.
5. F'każ li l-karatteristiċi ta' istituzzjoni – l-iktar id-daqs u l-organizzazzjoni tagħha u n-natura tal-attivitajiet tagħha – ma jiġġustifikawx li din il-fiduċja tiġi fdata lil persuna maħtura għal dan il-għan, il-funzjoni tista' titwettaq minn uffiċjal għoli ieħor fi ħdan l-istituzzjoni, sakemm ma jkunx hemm xi kunflitt ta' interess.
6. L-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċessi ddokumentati biex tassenja l-pożizzjoni tas-CRO u tirtira r-responsabbiltajiet tiegħu. Jekk is-CRO jinbidel, dan għandu jsir bl-approvazzjoni minn qEBAI tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Ġeneralment, it-tneħħija jew il-ħatra ta' CRO għandha tiġi żvelata u l-awtorità superviżorja tiġi mgħarrfa bir-raġunijiet għal dan.

28. Il-funzjoni ta' konformità

1. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi funzjoni ta' Konformità biex iġġestixxi r-riskju tal-konformità tagħha.
2. Istituzzjoni għandha tapprova u timplimenta politika dwar il-konformità li għandha tiġi kkomunikata lill-persunal kollu.

Nota ta' spjegazzjoni

Ir-riskju tal-konformità (iddefinit bħala r-riskju attwali jew prospettiv għall-qligħ u l-kapital li ġej minn ksur jew nuqqas ta' konformità ma' liġijiet, regoli, regolamenti, ftehimiet, prattiki preskritti jew standards etiċi) jista' jwassal għal multi, ħsarat u/jew l-annullament ta' kuntratti u jista' jagħmel ħsara lir-reputazzjoni ta' istituzzjoni.

3. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi funzjoni permanenti u effettiva ta' Konformità u taħtar persuna responsabbli minn din il-funzjoni fi ħdan l-istituzzjoni u l-grupp sħiħ (l-Uffiċjal ta' Konformità jew il-Kap tal-Konformità). F'istituzzjonijiet iżgħar u inqas kumplessi, din il-funzjoni tista' tiġi kkombinata flimkien mal-funzjonijiet ta' kontroll tar-riskji jew ta' appoġġ (eż. riżorsi umani, legali, eċċ) jew tiġi assistita minnhom.
4. Il-funzjoni ta' Konformità għandha tiżgura li l-politika dwar il-konformità tiġi osservata u tirrapporta lill-korp maniġerjali u, kif xieraq, lir-RCF dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' konformità tal-istituzzjoni. Is-sejbiet tal-funzjoni ta' Konformità għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni mill-korp maniġerjali u r-RCF fi ħdan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet.
5. Il-funzjoni ta' Konformità għandha tagħti pariri lill-korp maniġerjali dwar liġijiet, regoli, regolamenti u standards li l-istituzzjoni teħtieġ biex tilħaq u tivvaluta l-impatt possibbli ta' kwalunkwe bidla fl-ambjent legali jew regulatorju dwar l-attivitajiet tal-istituzzjoni.
6. Il-funzjoni ta' Konformità għandha tivverifika wkoll li l-prodotti l-ġodda u l-proċeduri l-ġodda jikkonformaw mal-ambjent legali attwali u kwalunkwe bidla tal-leġiżlazzjoni, regolament u rekwiżit superviżorji fil-ġejjieni.

Nota ta' spjegazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni partikolari meta l-istituzzjoni tipprovdi ċerti servizzi jew tistabbilixxi strutturi f'isem il-klijenti (eż. taġixxi bħala aġent ta' formazzjoni ta' kumpanija jew sħubija, tipprovdi servizzi ta' fiduċjarja, jew tiżviluppa tranżazzjonijiet finanzjarji strutturati kumplessi għal klijenti) li jistgħu jwasslu għal sfidi partikolari fil-governanza interna u tħassib prudenzjali.

29. Il-funzjoni tal-Awditjar Intern

1. Il-funzjoni tal-Awditjar Intern ('IAF') għandha tivvaluta jekk il-kwalità tal-qafas tal-kontroll intern ta' istituzzjoni hijiex kemm effettiva kif ukoll effiċjenti.
2. L-IAF għandu jkollha aċċess mhux limitat għal dokumenti u informazzjoni rilevanti fl-unitajiet operattivi u ta' kontroll kollha.
3. L-IAF għandha tevalwa l-konformità tal-attivitajiet u l-unitajiet kollha ta' istituzzjoni (inkluża r-RCF u l-funzjoni ta' Konformità) mal-politiki u l-proċeduri tagħha. Għaldaqstant, l-IAF ma għandhiex tkun ikkombinata flimkien ma' xi funzjoni oħra. L-IAF għandha tivvaluta wkoll jekk il-politiki u l-proċeduri eżistenti jibqgħux adegwati u jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti legali u regolatorji.
4. B'mod partikolari, l-IAF għandha tivverifika l-integrità tal-proċessi sabiex tiżgura l-affidabbiltà tal-metodi u t-tekniki tal-istituzzjoni, is-suppożizzjonijiet u s-sorsi ta' informazzjoni użati fil-mudelli interni tagħha (pereżempju, l-immudellar tar-riskji u l-kejl kontabilistiku). Għandha tevalwa wkoll il-kwalità u l-użu tal-għodod ta' identifikazzjoni u valutazzjoni tar-riskju kwalitattiv. Madankollu, sabiex issaħħaħ l-indipendenza tagħha, l-IAF ma għandhiex tkun direttament involuta fit-tfassil jew l-għażla ta' mudelli jew għodod oħrajn għall-ġestjoni tar-riskji.
5. Il-korp maniġerjali għandu jfhegġeg lill-awdituri interni biex jikkonformaw ma' standards professjonali nazzjonali u internazzjonali. Il-ħidma ta' awditjar intern għandha titwettaq skont pjan tal-awditjar u programmi tal-awditjar dettaljati wara approċċ 'ibbażat fuq ir-riskji'. Il-pjan tal-awditjar għandu jiġi approvat mill-kumitat tal-awditjar u/jew il-korp maniġerjali.

Nota ta' spjegazzjoni

Eżempju tal-istandards professjonali msemmija hawnhekk huwa dak tal-istandards stabbiliti mill-Istitut tal-Awdituri Interni.

6. L-IAF għandha tirrapporta direttament lill-korp maniġerjali u/jew il-kumitat tal-awditjar tiegħu (fejn applikabbli) bis-sejbiet u s-suġġerimenti tagħha għal titjib materjali fil-kontrolli interni. Kull rakkomandazzjoni tal-awditjar għandha tkun soġġetta għal proċedura formali ta' segwitu mil-livelli rispettivi tal-maniġment biex tiġi żgurata u rrapportata r-risoluzzjoni tagħhom.

E. Sistemi tal-informazzjoni u kontinwità tan-negozju

30. Sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni

1. Istituzzjoni għandu jkollha sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni affidabbli li jkopru l-attivitajiet importanti kollha tagħha.

Nota ta' spjegazzjoni

It-teħid ta' deċiżjonijiet mill-maniġment jista' jintlaqat b'mod negattiv minn informazzjoni mhux affidabbli u qarrieqa pprovduta mis-sistemi mfassla u kkontrollati ħażin. Għalhekk, komponent kritiku tal-attivitajiet ta' istituzzjoni huwa t-twaqqif u l-manutenzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni li jkopru l-firxa sħiħa tal-attivitajiet tagħha. Normalment, din l-informazzjoni tiġi pprovduta permezz ta' mezzi elettroniċi kif ukoll mhux elettroniċi.

Istituzzjoni għandha tkun konxja b'mod partikolari bir-rekwiżiti interni u organizzattivi ta' kontroll marbutin mal-ipproċessar ta' informazzjoni f'forma elettronika u l-bżonn li jkun hemm rekord adegwat għall-verifika. Dan japplika wkoll jekk is-sistemi tal-IT jiġu esternalizzati lil fornitur ta' servizzi tal-IT.

2. Is-sistemi ta' informazzjoni, anki dawk li jżommu u jużaw dejta f'forma elettronika, għandhom ikunu siguri, issorveljati b'mod indipendenti u appoġġjati minn arranġamenti adegwati ta' kontinġenza. Istituzzjoni għandha tikkonforma ma' Standards tal-IT aċċettati b'mod ġenerali meta timplimenta sistemi tal-IT.

31. Il-ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju

1. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi ġestjoni solida tal-kontinwità tan-negozju biex tiżgura l-abbiltà tagħha li topera fuq bażi kontinwa u tillimita t-telf fil-każ ta' taqlib qawwi għan-negozju.

Nota ta' spjegazzjoni

In-negozju ta' istituzzjoni jiddependi minn bosta riżorsi kritiċi (eż. sistemi tal-IT, sistemi ta' komunikazzjoni, bini). L-iskop tal-Ġestjoni tal-Kontinwità tan-Negozju huwa li tnaqqas il-konsegwenzi operattivi, finanzjarji u legali, konsegwenzi għar-reputazzjoni u ta' konsegwenzi oħrajn materjali li jiġu minn diżastru jew ħsara estiża f'dawn ir-riżorsi u t-taqlib konsegwenti fil-proċeduri tan-negozju ordinarji tal-istituzzjoni. Miżuri oħrajn ta' ġestjoni tar-riskji jistgħu jkunu t-tnaqqis tal-probabbiltà ta' dawk l-inċidenti jew it-trasferiment tal-impatt finanzjarju tagħhom (eż. permezz ta' assigurazzjoni) lil partijiet terzi.

2. Sabiex tiġi stabbilita ġestjoni solida tal-kontinwità tan-negozju, istituzzjoni għandha tanalizza bir-reqqa l-esponiment tagħha għat-taqlib qawwi għan-negozju u tivvaluta (b'mod kwantitattiv u kwalitattiv) l-impatt potenzjali tagħha, billi tuża analiżi interna u/jew esterna ta' dejta u xenarji. Din l-analiżi għandha tkopri l-unitajiet kollha tan-negozju u ta' appoġġ u r-RCF u tiegħu f'kunsiderazzjoni l-interdipendenza tagħhom. Barra minn hekk, għandhom ikunu involuti wkoll b'mod attiv funzjoni speċifika indipendenti tal-Kontinwità tan-Negozju, r-RCF jew il-funzjoni ta' Ġestjoni tar-Riskju Operattiv. Ir-riżultati

tal-analiżi għandhom jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-prijoritajiet u l-għanijiet ta' rkupru tal-istituzzjonijiet.

Nota ta' spjegazzjoni

Dwar il-Funzjoni ta' Ġestjoni tar-Riskju Operattiv, ara wkoll id-Direttiva 2006/48/KE Anness X, Parti 3, Par. 4 li teħtieġ dik il-funzjoni indipendenti għall-istituzzjonijiet AMA; il-kompiti ta' din il-funzjoni huma deskritti fil-Linji Gwida dwar il-Validazzjoni par. 615-620 (ippubblikati fl-2006) li huma disponibbli fuq il-websajt tal-EBA.

3. Fuq il-bażi tal-analiżi ta' hawn fuq, istituzzjoni għandha timplimenta:
 - a. Pjanijiet ta' kontinġenza u kontinwità tan-negozju biex tiżgura li istituzzjoni tirreaġixxi kif xieraq għal emerġenzi u li hija kapaċi żżomm l-iktar attivitajiet importanti tan-negozju tagħha jekk ikun hemm taqlib fil-proċeduri ordinarji tan-negozju tagħha.
 - b. Pjanijiet ta' rkupru għal riżorsi kritiċi biex jippermettulha terġa' lura għal proċeduri ordinarji tan-negozju f'perjodu ta' żmien xieraq. Kwalunkwe riskju residwu minn taqlib potenzjali fin-negozju għandu jkun konsistenti mat-tolleranza/ir-rieda għar-riskju ta' istituzzjoni.
4. Il-pjanijiet ta' kontinġenza, kontinwità tan-negozju u ta' rkupru għandhom jiġu ddokumentati u implimentati bir-reqqa. Id-dokumentazzjoni għandha tkun disponibbli fi ħdan l-unitajiet tan-negozju, ta' appoġġ u r-RCF, u jinħażnu fuq sistemi li huma fiżikament separati u aċċessibbli minnufih f'każ ta' kontinġenza. Għandu jiġi pprovdut taħriġ xieraq. Il-pjanijiet għandhom jiġu ttestjati u aġġornati b'mod regolari. Kwalunkwe sfida jew nuqqas li jseħħu fit-testijiet għandhom jiġu ddokumentati u analizzati, bil-pjanijiet riveduti kif xieraq.

F. Trasparenza

32. L-għoti tas-setgħa

1. L-istrateġiji u l-politiki għandhom jiġu kkomunikati lill-persunal rilevanti kollu fi ħdan istituzzjoni.
2. Il-persunal ta' istituzzjoni għandu jifhem u jikkonforma ma' politiki u proċeduri li jappartjenu għad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tiegħu.
3. B'hekk, il-korp maniġerjali għandu jgħarraf u jaġġorna lill-persunal rilevanti dwar l-istrateġiji u l-politiki tal-istituzzjoni b'mod ċar u konsistenti, tal-inqas fil-livell meħtieġ biex iwettqu d-dmirijiet partikolari tagħhom. Dan jista' jagħmlu permezz ta' linji gwida bil-miktub, manwali jew mezzi oħrajn.

33. Trasparenza tal-governanza interna

1. Il-qafas ta' governanza interna ta' istituzzjoni għandu jkun trasparenti. Istituzzjoni għandha tippreżenta l-pożizzjoni attwali tagħha u l-prospetti tagħha għall-ġejjieni b'mod ċar, ibbilanċjat, preċiż u fil-ħin.

Nota ta' spjegazzjoni

L-objettiv tat-trasparenza fil-qasam tal-governanza interna huwa li tipprovdi lill-partijiet interessati kollha rilevanti ta' istituzzjoni (inklużi azzjonisti, impjegati, klijenti u l-pubbliku ġenerali) b'informazzjoni ewlenija meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġġudikaw l-effikaċja tal-korp maniġerjali fil-governanza tal-istituzzjoni.

Skont l-Artikolu 72 tad-Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2006/49/EC, l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE u l-istituzzjonijiet ikkontrollati minn kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE għandhom jiżvelaw informazzjoni komprensiva u sinifikanti li tiddekrivi l-governanza interna tagħhom f'livell ikkonsolidat. Tkun prattika tajba jekk kull istituzzjoni tiżvela informazzjoni dwar il-governanza interna tagħha fuq bażi solitarja b'mod proporzjonat.

2. Bħala minimu, istituzzjoni għandha tiżvela b'mod pubbliku dan li ġej:
 - a. l-istrutturi ta' governanza u l-politiki tagħha, inklużi l-objettivi, l-istruttura organizzattiv, l-arranġamenti ta' governanza interna tagħha, l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-korp maniġerjali, inklużi l-attendenzi, u l-istruttura ta' inċentiv u rimunerazzjoni tal-istituzzjoni;
 - b. in-natura, il-firxa, l-għan u s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjonijiet ma' affiljati u partijiet relatati, jekk għandhom impatt materjali fuq l-istituzzjoni;
 - c. kif hija stabbilita l-istrateġija dwar in-negozju u r-riskji tagħha (inkluż l-involvement tal-korp maniġerjali) u l-fatturi ta' riskju prevedibbli;
 - d. il-kumitati mwaqqfa tagħha u l-mandati u l-għamla tagħhom;
 - e. il-qafas ta' kontroll intern tagħha u kif il-funzjonijiet ta' kontroll tagħha huma organizzati, il-kompiti ewlenin li jwettqu, kif il-korp maniġerjali jissorvelja l-prestazzjoni tagħhom u kwalunkwe bidliet materjali ppjanati f'dawn il-funzjonijiet; u
 - f. informazzjoni materjali dwar ir-riżultati finanzjarji u operattivi tagħha.
3. L-informazzjoni dwar il-pożizzjoni attwali tal-istituzzjoni għandha tikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit legali ieħor ta' żvelar. L-informazzjoni għandha tkun ċara, preċiża, rilevanti, fil-ħin u aċċessibbli.
4. F'każijiet fejn l-iżgurar ta' grad għoli ta' preċiżjoni jittardja l-ħruġ ta' informazzjoni sensittiva għaż-żmien, istituzzjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar il-bilanċ xieraq bejn il-puntwalità u l-preċiżjoni, filwaqt li żżomm preżenti r-rewiżit li tipprovdi stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni tagħha u tagħti

spjegazzjoni sodisfaċenti għal kwalunkwe ttardjar. Din l-ispjegazzjoni ma għandhiex tintuża biex jiġu pprovvuti tard ir-rekwiżiti ta' rapportar regolari.

Titolu III – Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

34. Revoka

Bl-adozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida dwar il-Governanza Interna, huma revokati l-Linji Gwida li ġejjin: it-taqsima 2.1 tal-Linji Gwida tas-CEBS dwar l-Applikazzjoni tal-Proċess ta' Reviżjoni Superviżorja (datati 25 ta' Jannar 2006), intitolati 'Linji Gwida dwar il-Governanza Interna'; il-'Prinċipji ta' Livell Għoli għall-Politiki ta' Rimunerazzjoni' (datati 20 ta' April 2009) u l-'Prinċipji ta' Livell Għoli għall-Ġestjoni tar-Riskji' (datati 16 ta' Frar 2010).

35. Data ta' applikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw il-Linji Gwida dwar il-Governanza Interna billi jinkorporawhom fi f'dan il-proċeduri superviżorji tagħhom sal-31 ta' Marzu 2012. Wara dik id-data, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.